Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 376/2008**

tat-23 ta' April 2008

li jistabbilixxi regoli dettaljati komuni għall-applikazzjoni tas-sistema tal-liċenzji ta' l-importazzjoni u ta' l-esportazzjoni u ta' ċertifikati ta' iffissar bil-quddiem għal prodotti agrikoli

(Verżjoni kodifikata)

(ĠU L 114, 26.4.2008, p. 3)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 514/2008 tad-9 ta' Ġunju 2008	L 150	7	10.6.2008
►**M2**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 74/2010 tas-26 ta' Jannar 2010	L 23	28	27.1.2010
►**M3**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 669/2011 tat-12 ta' Lulju 2011	L 183	4	13.7.2011
►**M4**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1349/2011 tal-20 ta' Diċembru 2011	L 338	26	21.12.2011
►**M5**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 418/2012 tas-16 ta' Mejju 2012	L 130	1	17.5.2012
►**M6**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 519/2013 tal-21 ta' Frar 2013	L 158	74	10.6.2013
►**M7**	Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 907/2014 tal-11 ta' Marzu 2014	L 255	18	28.8.2014

▼B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 376/2008

tat-23 ta' April 2008

li jistabbilixxi regoli dettaljati komuni għall-applikazzjoni tas-sistema tal-liċenzji ta' l-importazzjoni u ta' l-esportazzjoni u ta' ċertifikati ta' iffissar bil-quddiem għal prodotti agrikoli

(Verżjoni kodifikata)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1784/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċereali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2), l-Artikolu 12(1) u (2) u l-Artikolu 18 tiegħu, u l-Artikoli korrespondenti tar-Regolamenti l-oħra dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1291/2000 tad-9 ta' Ġunju 2000 li jistabbilixxi regoli dettaljati komuni għall-applikazzjoni tas-sistema tal-liċenzji ta' l-importazzjoni u ta' l-esportazzjoni u ta' ċertifikati ta' iffissar bil-quddiem għal prodotti agrikoli ([2]) ġie emendat kemm-il darba ([3]) b'mod sostanzjali. Għal iktar ċarezza u razzjonalità, l-imsemmi Regolament għandu jiġi kkodifikat.

(2) Ir-Regolamenti tal-Komunità li introduċew il-liċenzji ta' l-importazzjoni u ta' l-esportazzjoni jipprovdu li l-importazzjonijiet kollha għal ġewwa l-Komunità u l-esportazzjonijiet kollha minnha ta' prodotti agrikoli għandhom ikunu suġġetti għall-preżentazzjoni ta' liċenzja bħal din. Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-liċenzji għandu għalhekk ikun definit, bl-istipulazzjoni espressa li ma jkunux meħtieġa għal ħidmiet li ma jikkostitwixxux importazzjonijiet jew esportazzjonijiet fil-veru sens tal-kelma.

(3) Meta l-prodotti jkunu suġġetti għall-arranġamenti ta' proċessar 'il ġewwa, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, f'ċertu każi, jippermettu li l-prodotti jitqiegħdu f'ċirkolazzjoni ħielsa kemm bi jew mingħajr aktar ipproċessar. F'tali każi, sabiex ikun assigurat li s-suq ikun amministrat b'mod xieraq, għandu jkun hemm bżonn ta' liċenzja ta' l-importazzjoni għal prodotti fil-fatt imqiegħda f'ċirkolazzjoni ħielsa. B'dana kollu, meta prodott imqiegħed f'ċirkolazzjoni ħielsa jkun ġie miksub minn prodotti bażiċi li whud minnhom ikunu ġew importati minn pajjiżi terzi u li whud minnhom ikunu ġew mixtrija fil-Komunità, għandhom jitqiesu biss dawk il-prodotti bażiċi importati mill-pajjiżi terzi.

(4) L-għan tal-liċenzji ta' l-importazzjoni u ta' l-esportazzjoni u taċ-ċertifikati ta' iffissar bil-quddiem hu l-amministrazzjoni tajba ta' l-organizzazzjoni tas-suq komuni. Xi operazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' kwantitajiet żgħar u, sabiex ikunu ssimplifikati l-proċeduri amministrattivi, m'għandux ikun hemm bżonn tal-liċenzji ta' l-importazzjoni u ta' l-esportazzjoni u ċ-ċertifikati ta' l-iffissar bil-quddiem għal tali operazzjonijiet.

([1]) ĠU L 270, 21.10.2003, p. 78. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 735/2007 (ĠU L 169, 29.6.2007, p. 6). Ir-Regolament (KE) Nru 1784/2003 ser jinbidel bir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1) mill-1 ta' Lulju 2008.

([2]) ĠU L 152, 24.6.2000, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1423/2007 (ĠU L 317, 5.12.2007, p. 36).

([3]) Ara l-Anness IV.

▼B

(5) M'hemmx bżonn tal-liċenzji ta' l-esportazzjoni għal proviżjon ta' vapuri u ajruplani fil-Komunità. Minħabba li l-ġustifikazzjoni hi simili, din id-dispożizzjoni għandha tapplika wkoll għal kunsinni lejn pjattaformi u bastimenti navali u għal proviżjonijiet f'pajjiżi terzi. Għall-istess raġunijiet, m'għandux ikun hemm bżonn ta' liċenzji għall-operazzjonijiet koperti bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 918/83 tat-28 ta' Marzu 1983 li jistabbilixxi sistema tal-Komunità ta' eżenzjonijiet minn dazji tad-dwana ([1]).

(6) Minħabba l- prattika tal-kummerċ internazzjonali f'dak li għandu x'jaqsam mal-prodotti jew mal-merkanzija msemmi, ċerta tolleranza għandha titħalla f'dak li għandu x'jaqsam mal-kwantità tal-prodotti importati jew esportati meta mqabbla mal-kwantità indikata fuq il-liċenzja jew fuq iċ-ċertifikat.

(7) Sabiex ikunu jistgħu jitwettqu diversi operazzjonijiet fl-istess ħin taħt liċenzja waħda jew ċertifikat wieħed, għandu jkun hemm dispożizzjoni sabiex jinħarġu estratti ta' liċenzji jew ta' ċertifikati li jkollhom l-istess effett tal-liċenzji jew taċ-ċertifikati li minnhom ikunu ġew estratti.

(8) Permezz tar-regoli tal-Komunità li jirregolaw is-setturi varji koperti mill- organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli, il-liċenzji ta' l-importazzjoni u l-esportazzjoni u ċ-ċertifikati ta' l- iffissar bil-quddiem huma applikabbli għall-operazzjonijiet magħmula fil-Komunità. Dan l-arranġament jeħtieġ li jkunu adottati regoli komuni għat-tħejjija u l-użu ta' liċenzji jew ċertifikati bħal dawn u li formoli u metodi tal-Komunità jkunu stabbiliti għal kooperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati Membri.

(9) L-użu ta' proċeduri bil-kompjuter qiegħed gradwalment jieħu post id-dħul manwali ta' *data* fis-setturi differenti ta' attività amministrattiva. Għalhekk għandu jkun ukoll possibbli li jintużaw proċeduri bil-kompjuter u elettroniċi fil-ħruġ u fl-użu tal-liċenzji u taċ-ċertifikati.

(10) Ir-Regolamenti tal-Komunità li introduċew dawn il-liċenzji u ċ-ċertifikati jipprovdu li dawn għandhom jinħarġu suġġetti għall-preżentazzjoni ta' garanzija sabiex tiggarantixxi li tkun sodisfatta l-obbligazzjoni għall-importazzjoni jew l-esportazzjoni matul il-perjodu tal-validità tagħhom. Huwa neċessarju li jkun definit meta l-obbligazzjoni għall-importazzjoni jew l-esportazzjoni tkun ġiet sodisfatta.

(11) Fil-każ tal-liċenzji bl-iffissar bil-quddiem tar-rifużjoni, il-liċenzja li għandha tintuża tkun tiddependi fuq il-klassifikazzjoni tat-tariffa tal-prodott. Fil-każi ta' ċerti taħlitiet, ir-rati tar-rifużjoni ma jiddependux fuq il-klassifikazzjoni tat-tariffa tal-prodott, imma fuq regoli speċjali stabbiliti għal dak l-għan. Għalhekk, meta l-komponent li fuqu jkunu kkalkolati r-rifużjonijiet applikabbli għat-taħlita ma jikkorrispondix mal-klassifikazzjoni tat-tariffa tat-taħlita, tali taħlitiet importati jew esportati m'għandhomx jikkwalifikaw għar-rata ffissata bil-quddiem.

([1]) ĠU L 105, 23.4.1983, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 274/2008 (ĠU L 85, 27.3.2008, p. 1).

▼B

(12) Il-liċenzji ta' importazzjonijiet huma xi kultant użati sabiex jamministraw arranġamenti ta' l-importazzjoni kwantitattiva. Dan hu biss possibbli meta t-tagħrif dwar l-importazzjoni magħmula permezz tal-liċenzji maħruġa jkun disponibbli f'perjodu relattivament qasir. F'tali każi, il- ħtieġa li tingħata evidenza li l-liċenzji jkunu ntużaw mhix biss sabiex ikun hemm amministrazzjoni tajba imma ssir essenzjali għall-amministrazzjoni ta' dawn l-arranġamenti kwantitattivi. L-evidenza in kwistjoni tkun mogħtija bil-preżentazzjoni tal-kopja Nru 1 tal-liċenzja u, fejn xieraq, ta' l-estratti minnha. Huwa possibbli li tingħata din l-evidenza fi żmien relattivament qasir. Dan il-limitu ta' żmien għandu għalhekk ikun stabbilit għall-każi meta r-regoli tal-Komunità dwar il-liċenzji użati sabiex jamministraw arranġamenti kwantitattivi jagħmlu referenza għalihom.

(13) F'ċerti każi l-ammont ta' garanzija meħtieġa għal-liċenzja jew għaċ-ċertifikat jista' jkun żgħir ħafna. Sabiex jitnaqqas l-ammont ta' xogħol amministrattiv, ma jkunx hemm bżonn ta' l-ebda garanzija f'każi bħal dawn.

(14) Minħabba li fil-prattika l-persuna li tuża l-liċenzja jew iċ-ċertifikat tista' ma tkunx id-detentur jew dak li jittrasferixxi, fl-interess taċ-ċertezza legali u ta' l-effiċjenza amministrattiva għandu jkun speċifikat liema persuni huma awtorizzati li jużaw iċ-ċertifikat jew il-liċenzja. Ir-rabta meħtieġa bejn id-detentur titolari u l-persuna li tagħmel id-dikjarazzjoni tad-dwana għandha tkun stabbilita għal dan l-għan.

(15) Il-liċenzja ta' l-importazzjoni jew ta' l-esportazzjoni tagħti d-dritt għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni u għalhekk għandha tkun ippreżentata fil-ħin meta d-dikjarazzjoni ta' l-importazzjoni jew l-esportazzjoni tkun aċċettata.

(16) Meta jintużaw proċeduri ta' l-importazzjoni jew l-esportazzjoni ssimplifikati, il- ħtieġa li tkun ippreżentata l-liċenzja lill-awtoritajiet doganali tista' titneħħa jew il-liċenzja tkun tista' tiġi ppreżentata sussegwentament. B'dana kollu, l-importatur jew l-esportatur għandu jkun fil-pussess tal-liċenzja fid-data li tkun ikkunsidrata bħala dik li fiha tkun aċċettata d-dikjarazzjoni ta' l-importazzjoni jew l-esportazzjoni.

(17) Fl-interess ta' simplifikazzjoni, ir-regoli jistgħu jkunu magħmula aktar flessibbli sabiex l-Istati Membri jitħallew jintroduċu proċedura simplifikata għall-immaniġġjar amministrattiv tal-liċenzji, li permezz tagħha l-liċenzji jinżammu mill-korp tal-ħruġ jew, meta jkun meħtieġ, l-aġenzija ta' ħlas fil-każ ta' liċenzji ta' l-esportazzjoni b'iffissar bil-quddiem tar-rifużjoni.

(18) Sabiex ikun hemm amministrazzjoni tajba, il-liċenzji jew iċ-ċertifikati u estratti minnhom ma jistgħux ikunu emendati wara l-ħruġ. B'dana kollu, f'każi ta' dubju li jkollu x'jaqsam ma' żball li jkun attribwit lill-korp tal-ħruġ jew minħabba ineżattezzi ovvji u li jkollhom x'jaqsmu ma' l-oġġetti li jidhru fuq il-liċenzja, iċ-ċertifikat jew l-estratt, għandha tkun introdotta proċedura li biha l-liċenzji, iċ-ċertifikati u l-estratti mhux eżatti jistgħu jkunu rtirati u jinħarġu dokumenti kkoreġuti.

▼B

(19) Meta prodott ikun imqiegħed taħt waħda mill-arranġamenti simplifikati li hemm provvediment dwarhom fil-Parti II, it-Titolu II, il-Kapitolu 7, is-Sezzjoni 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità [1], jew fit-Titolu X, il-Kapitolu I ta' l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni ta' l-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura komuni ta' tranżitu, ma jkun hemm bżonn li jitwettqu l-ebda formalitajiet fl-uffiċċju doganali ta' l-istazzjon tal-fruntiera f'każi meta t-tranżitu jibda fil-Komunità u għandu jispiċċa barra l-Komunità. Fl-interess ta' simplifikazzjoni ta' l-amministrazzjoni, meta waħda minn dawn il-proċeduri tkun applikata għandhom ikunu adottati arranġamenti speċjali għar-rilaxx tal-garanzija.

(20) jista' jiġri li, għal raġunijiet lil hinn mill-kontroll tal-parti kkonċernata, id-dokument li jikkostitwixxi prova ta' tluq mit-territorju doganali tal-Komunità ma jkunx jista' jiġi ppreżentat għalkemm il-prodott ikun ħareġ mit-territorju msemmi jew, fil-każ ta' l-operazzjonijiet kif speċifikati fl-Artikolu 36 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE)
Nru 800/1999 tal-15 t'April 1999 li jistabbilixxi regoli komuni dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli [2], il-wasla fid-destinazzjoni tiegħu. Sitwazzjoni tali tista' tfixkel il-kummerċ. F'ċirkostanzi tali għandhom jiġu rrikonoxxuti dokumenti oħra bħala ekwivalenti.

(21) Ir-Regolamenti tal-Komunità li intoduċew il-liċenzji u ċ-ċertifikati kkonċernati jipprovdu li l-garanzija għandha tintilef kollha kemm hi jew parti minnha jekk l-importazzjoni jew l-esportazzjoni ma' titwettaqx, jew jekk titwettaq parti minnha biss, matul il-perjodu tal-validità tal-liċenzja jew taċ-ċertifikat. L-azzjoni li għandha tittieħed f'tali ċirkostanzi għandha tkun imfissra fid-dettall, b'mod partikolari għal każi meta l-obbligazzjonijiet ma jkunux ġew sodisfatti minħabba force majeure. F'tali każi l-obbligazzjoni għall-importazzjoni jew l-esportazzjoni tista' tkun ikkunsidrata kkanċellata jew il-perjodu tal-validità tal-liċenzja jew taċ-ċertifikat jista' jkun estiż. B'dana kollu, sabiex ma jitħalliex li jkun hemm dižordni li jista' jinqala' fis-suq, dik l-estenzjoni għandha f'kull każ tkun illimitata għal massimu ta' sitt xhur ikkalkulati mit-tmiem tal-perjodu oriġinali tal-validità.

(22) Sabiex ikunu ssimplifikati l-proċeduri amministrattivi, l-garanzija għandha tkun mibgħuta lura meta l-ammont totali li għandu jintilef ikun żgħir ħafna.

(23) Il-garanzija ppreżentata fiż-żmien tal-ħruġ tal-liċenzji jew taċ-ċertifikati għandha tkun irrilaxxata sakemm tingħata prova lill-korpijiet kompetenti li l-merkanzija kkonċernata ħarġet mit-territorju doganali tal-Komunità fi żmien 60 ġurnata mid-data li fiha jkunu ġew aċċettati d-dikjarazzjonijiet ta' l-esportazzjoni.

(24) jista' jiġri li l-garanzija tkun irrilaxxata għal raġunijiet varji mingħajr ma tkun ġiet sodisfatta l-obbligazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni. F'tali każi, il-garanzija rrilaxxata ħażin għandha terġa' tkun ippreżentata.

[1] ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 214/2007 (ĠU L 62, 1.3.2007, p. 6).
[2] ĠU L 102, 17.4.1999, p. 11. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 159/2008 (ĠU L 48, 22.2.2008, p. 19).

▼B

(25) Sabiex isir użu sħiħ tal-possibiltajiet ta' l-esportazzjoni għal prodotti agrikoli eliġibbli għalrifużjoni, għandu jkun introdott mekkaniżmu li jinkoraġġixxi lill-operaturi jibagħtu lura malajr kull liċenzja u ċertifikat, li ma jkunux sejrin jużaw, lejn il-korp tal-ħruġ. Għandu jkun introdott mekkaniżmu li jinkoraġġixxi lill-operatur li jirritorna fil-pront iċ-ċertifikati lejn il-korp tal-ħruġ wara d-data ta' l-iskadenza tagħhom sabiex il-kwantitajiet mhux użati jistgħu jerġgħu jkunu wżati kemm jista' jkun malajr.

(26) Permezz ta' l-Artikolu 3(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1182/71 tat-3 ta' Ġunju 1971 li jistabbilixxi r-regoli applikabbli għall-perjodi, id-dati u l-limiti ta' żmien ([1]) meta l-aħħar ġurnata ta' perjodu tkun vakanza pubblika, il-Ħadd jew is-Sibt, il-perjodu jispiċċa meta tiskadi l-aħħar siegħa tal-ġurnata xogħol ta' wara. F'ċerti każi, dik il-dispożizzjoni tirriżulta f'li jkun estiż il-perjodu ta' l-użu tal-liċenzji jew taċ-ċertifikati. Tali miżura, li hi mfassla sabiex tiffaċilita n-negozju, m' għandux ikollha l-effett li tbiddel il-kondizzjonijiet ekonomiċi tal-ħidmiet ta' importazzjoni jew esportazzjoni.

(27) F'ċerti setturi ta' l-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli hemm dispożizzjoni għal perjodu ta' riflessjoni qabel ma' jinħarġu l-liċenzji ta' l-esportazzjoni. L-għan ta' dan il-perjodu hu li jippermetti li tkun ikkalkolata s-sitwazzjoni tas-suq u, meta hu xieraq, b'mod partikolari meta jkun hemm diffikultajiet, li jippermettu li jkunu sospiżi l-applikazzjonijiet li jkunu għadhom pendenti, li jammonta għal ċaħda ta' dawk l-applikazzjonijiet. Għandu jkun speċifikat li tali sospensjoni tkun possibbli wkoll fil-każ tal-liċenzji li tkun saret applikazzjoni dwarhom permezz ta' l-Artikolu 47 ta' dan ir-Regolament u ladarba l-perjodu ta' riflessjoni jkun skada l-applikazzjoni għall-liċenzja ma tkunx tista' terġa tkun sospiża.

(28) Permezz ta' l-Artikolu 844(3) tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93, prodotti esportati taħt liċenzja jew ċertifikat ta' l-iffissar bil-quddiem jistgħu jikkwalifikaw għal trattament bħala merkanzija rritornata biss meta r-regoli tal-Komunità fuq il-liċenzji u ċ-ċertifikati jkunu ġew sodisfatti. Għandhom ikunu stabbiliti regoli speċjali sabiex tkun applikata s-sistema tal-liċenzji u taċ-ċertifikati għall-prodotti li x'aktarx jikkwalifikaw taħt dawn l-arranġamenti.

(29) Permezz ta' l-Artikolu 896 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93, merkanzija li tkun tpoġġiet f'ċirkolazzjoni ħielsa taħt il-liċenzja ta' l-importazzjoni jew taċ-ċertifikat ta' iffissar bil-quddiem huma eliġibbli għas-sistema ta' ħlas lura jew ta' maħfra mid-dazji ta' l-importazzjoni meta jkun stabbilit biss li jkunu ttieħdu l-passi neċessarji mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jikkanċellaw l-effetti tat-tqegħid ta' dik il-merkanzija f'ċirkolazzjoni ħielsa għal dak li għandu x'jaqsam mal-liċenzja jew maċ-ċertifikat.

(30) L-Artikolu 880 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 jistabbilixxi ċerti regoli dettaljati sabiex ikun applikat l-Artikolu 896 ta' dak ir-Regolament, b'mod partikolari li l-awtoritajiet responsabbli għall-ħruġ tal-liċenzji u taċ-ċertifikati għandhom jipprovdu konferma.

([1]) ĠU L 124, 8.6.1971, p. 1.

▼B

(31) Dan ir-Regolament għandu jistabbilixxi r-regoli kollha neċessarji sabiex ikun implimentat l-Artikolu 896 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93. F'ċerti każi għandu jkun possibbli li jkun hemm konformità mar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 mingħajr ma jsir rikors għall-konferma li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 880 tiegħu.

(32) Meta l-liċenzji ta' l-importazzjoni jintużaw sabiex jistabbilixxu d-dazju fuq l-importazzjoni preferenzjali taħt kwoti ta' tariffi, hemm riskju li jintużaw liċenzji falsifikati, b'mod partikolari, f'każijiet fejn hemm differenza kbira bejn id-dazju sħiħ jew id-dazju mnaqqas jew dak żero. Sabiex jitnaqqas dan il-periklu ta' falsifikazzjoni, għandu jkun hemm mekkaniżmu sabiex tiġi vverifikata l-awtentiċita' tal-liċenzji ppreżentati.

(33) Meta l-liċenzja ta' l-importazzjoni li tkopri prodott agrikolu tkun użata wkoll sabiex tamministra kwota ta' tariffa li għaliha japplikaw arranġamenti preferenzjali, tali arranġamenti preferenzjali għandhom japplikaw għall-importaturi bis-saħħa tal-liċenzja jew taċ-ċertifikat li għandhom, f'ċerti każi, ikunu flimkien ma' dokument minn pajjiż terz. Sabiex ikun evitat kull eċċess fil-kwota, l-arranġamenti preferenzjali għandhom japplikaw sa mhux aktar mill-kwantità li għaliha kienet inħarġet il-liċenzja jew iċ-ċertifikat. B'dana kollu, sabiex tkun iffaċilitata l-importazzjoni, it-tolleranza li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 7(4) għandha tkun permessa, sakemm ikun speċifikat fl-istess ħin li l-parti tal-kwantità li teċċedi dik murija fuq il-liċenzja jew fuq iċ-ċertifikat imma fit-tolleranza ma tikkwalifikax taħt l-arranġamenti preferenzjali u jitħallas id-dazju sħiħ fuqhom ma' l-importazzjoni.

(34) Il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-opinjonijiet tal-kumitati ta' amministrazzjoni kollha kkonċernati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

L- AMBITU TAR-REGOLAMENT

▼M1

Artikolu 1

1. Ħlief għal ċerti derogi mniżżlin fir-regoli Komunitarji li huma speċifiċi għal ċerti prodotti, b'mod partikolari għall-prodotti li jissemmew fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3448/93 ([1]) u fir-regoli li jimplimentawh, dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli komuni għall-implimentazzjoni tas-sistema tal-liċenzji ta' l-importazzjoni u ta' l-esportazzjoni u taċ-ċertifikati bl-iffissar bil-quddiem (minn hawn 'il quddiem imsejħin "il-liċenzji" u "ċ-ċertifikati" rispettivament) li dwarha hemm dispożizzjoni fil-Parti III, fil-Kapitoli II u III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 ([2]) u fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 ([3]) jew stabbilita f'dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 318, 20.12.1993, p. 18.
([2]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([3]) ĠU L 179, 14.7.1999, p. 1.

▼M1

2. Liċenzja jew ċertifikat għandu jintwera għall-prodotti li ġejjin:

(a) fil-każ ta' l-importazzjoni, meta l-prodotti jkunu ddikjarati li huma għaċ-ċirkulazzjoni ħielsa:

(i) prodotti mniżżlin fil-Parti 1 ta' l-Anness II, importati bil-kundizzjonijiet kollha, ħlief dawk li jkunu importati taħt il-kwoti tat-tariffa, sakemm ma jkunx hemm dispożizzjoni mod ieħor fiha,

(ii) prodotti importati taħt il-kwoti tat-tariffa amministrati b'metodi oħrajn u mhux b'dak ibbażat fuq l-ordni kronoloġika ta' meta tressqu l-applikazzjonijiet, skond il-prinċipju li min jiġi l-ewwel, jinqeda l-ewwel, skond l-Artikoli 308a, 308b u 308ċ tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 ([1]),

(iii) prodotti importati taħt il-kwoti tat-tariffa amministrati b'metodu bbażat fuq l-ordni kronoloġika ta' meta tressqu l-applikazzjonijiet, skond l-Artikoli 308a, 308b u 308ċ tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93, imsemmijin b'mod speċifiku fil-Parti I ta' l-Anness II ta dan ir-Regolament;

(b) fil-każ ta' l-esportazzjoni:

(i) prodotti mniżżlin fil-Parti II ta' l-Anness II,

(ii) prodotti msemmijin fl-Artikolu 162(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 li għalihom ġiet iffissata rifużjoni fuq l-esportazzjoni, inkluż dik b'ammont żero, jew li għalihom ġiet iffissata taxxa fuq l-esportazzjoni,

(iii) prodotti esportati taħt kwoti jew li għalihom tkun trid tiġi ppreżentata liċenzja ta' l-esportazzjoni biex jiddaħħlu fil-kwota amministrata minn pajjiż terz u li tkun infetħet f'dak il-pajjiż għall-prodotti importati mill-Komunità.

3. Għall-prodotti msemmijin fil-paragrafi 2(a)(i), 2(a)(iii) u 2(b)(i), għandhom japplikaw l-ammont tal-garanzija u l-perjodu tal-validità mniżżlin fl-Anness II.

Għall-prodotti msemmijin fil-paragrafi 2(a)(ii), 2(b)(ii) u 2(b)(iii), għandhom japplikaw ir-regoli speċifiċi dwar l-implimentazzjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-perjodu tal-validità u ma' l-ammont tal-garanzija, imniżżlin fir-regoli Komunitarji speċifiċi għal dawk il-prodotti.

4. Għall-finijiet tas-sistema tal-liċenzji ta' l-esportazzjoni u taċ-ċertifikati bl-iffissar bil-quddiem imsemmija fil-paragrafu 1, meta tkun ġiet iffissata rifużjoni għal prodotti li mhumiex imniżżlin fil-Parti II ta' l-Anness II u meta operatur ma japplikax għar-rifużjoni, dak l-operatur ma għandux ikun mitlub jippreżenta liċenzja jew ċertifikat għall-esportazzjoni tal-prodotti kkonċernati.

▼B

KAPITOLU II

QASAM TA' APPLIKAZZJONI TA' LIĊENZJI U ĊERTIFIKATI

Artikolu 2

Ma jkunx hemm bżonn ta' liċenzja jew ċertifikat u ma jistgħux jiġu ppreżentati f'dak li għandu x'jaqsam ma' prodotti:

(a) li m'humiex impoġġija f'ċirkolazzjoni ħielsa ġewwa l-Komunità: jew

([1]) ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.

▼B

(b) li għalihom tkun affettwata l-esportazzjoni:

(i) taħt proċedura doganali li tippermetti importazzjoni ħielsa mid-dazji relevanti doganali jew ħlasijiet li għandhom l-istess effett, jew

(ii) taħt arranġamenti speċjali li jħallu esportazzjoni ħielsa mid-dazji ta' esportazzjoni, kif hemm referenza għalihom f'Artikolu 129 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

Artikolu 3

1. Meta prodotti li huma suġġetti għal arranġamenti ta' proċessar 'il ġewwa u li ma jkunx fihom prodotti bażiċi kif hemm referenza għalihom f'paragrafu 2(a) huma mpoġġija f'ċirkolazzjoni ħielsa, allura, sakemm il-prodotti fil-fatt impoġġija f'ċirkolazzjoni ħielsa huma suġġetti għal-liċenzja ta' l-importazzjoni, tali liċenzja għandha tintwera.

2. Meta prodotti li huma suġġetti għal wieħed jew l-ieħor mill-arranġamenti li hemm referenza għalihom f'paragrafu 1 u li jkun fihom kemm:

(a) prodott bażiku wieħed jew aktar li ġew taħt it-termini ta' Artikolu 23(2) tat-Trattat iżda m'għadhomx minħabba l-inkorporazzjoni tagħhom fil-prodotti mpoġġija f'ċirkolazzjoni ħielsa: u

(b) prodott bażiku wieħed jew aktar li ma ġewx taħt it-termini ta' l-Artikolu 23(2) tat-Trattat,

huma mpoġġija f'ċirkolazzjoni ħielsa allura, minkejja l-Artikolu 7(1) ta' dan ir-Regolament, għal kull prodott bażiku li hemm referenza għalih f'punt (b) ta' dan il-paragrafu fil-fatt użat u peress li jkun prodott suġġett għal-liċenzja ta' l-importazzjoni, tali liċenzja għandha tkun ippreżentata.

B'dana kollu, ma jkunx hemm bżonn ta' liċenzja ta' importazzjoni meta l-prodott fil-fatt imqiegħed f'ċirkolazzjoni ħielsa ma jkunx suġġett għal tali liċenzja.

3. Il-liċenzja jew liċenzji ta' l-importazzjoni murija meta prodott kif hemm referenza għalih f'paragrafu 1 jew 2 hu mpoġġi f'ċirkolazzjoni ħielsa jista' ma jipprovdix għall-iffissar bil-quddiem.

4. ma' l-esportazzjoni ta' prodott suġġett għal kemm wieħed jew l-ieħor mill-arranġamenti li hemm referenza għalihom f'paragrafu 1 u li jkun fih prodott bażiku wieħed jew aktar li hemm referenza għalihom f'paragrafu 2(a), allura għal kull tali prodott bażiku, peress li jkun prodott suġġett għal-liċenzja ta' l-esportazzjoni, tali liċenzja għandha tkun ippreżentata.

B'dana kollu, suġġett għat-tielet subparagrafu dwar l-iffissar bil-quddiem ta' rifużjonijiet, ma jkunx hemm bżonn ta' liċenzja ta' l-esportazzjoni meta l-prodott fil-fatt esportat ma jkunx suġġett għal tali liċenzja.

Malli prodotti mħallta li jikkwalifikaw għal rifużjoni ta' esportazzjoni ffissata bil-quddiem fuq il-bażi ta' wieħed jew aktar mill-komponenti tagħhom jiġu esportati, l-istatus doganali ta' kull tali komponent għandu jkun l-uniku element li għandu jittieħed f'konsiderazzjoni meta tiġi applikata s-sistema ta' liċenzji u ċertifikati.

▼B

Artikolu 4

1. Ma għandux ikun hemm bżonn ta' liċenzja u m'hemmx għalfejn li tkun ippreżentata għall-għanijiet ta' operazzjonijiet:

(a) kif speċifikati fl-Artikoli 36, 40, 44 u 45 u fl-Artikolu 46(1) tar-Regolament (KE) Nru 800/1999; jew

(b) ta' natura mhux kummerċjali; jew

(ċ) li hemm referenza għalihom fir-Regolament (KEE) Nru 918/83; jew

(d) li għandhom x'jaqsmu ma' kwantitajiet li ma jaqbżux dawk stabbiliti f'Anness II.

Minkejja l-ewwel subparagrafu, għandha tkun ippreżentata liċenzja meta tkun qed issir l-importazzjoni jew l-esportazzjoni taħt arranġamenti preferenzjali li huma mogħtija permezz tal-liċenzja.

L-Istati Membri għandhom jieħdu prekawzjonijiet kontra abbuż meta jkun applikat dan il-paragrafu, b'mod partikolari meta ħidma ta' importazzjoni jew ta' esportazzjoni waħdanija tkun koperta b'aktar minn dikjarazzjoni waħda ta' importazzjoni jew ta' esportazzjoni li m'humiex garantiti b'mod ċar għall-għanijiet ekonomiċi jew għanijiet oħra.

2. Għall-għanijiet ta' paragrafu 1, "operazzjonijiet ta' natura mhux kummerċjali" ser tfisser:

(a) importazzjonijiet minn jew mibgħuta lill-individwi privati, sakemm tali operazzjonijiet jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' Sezzjoni II(D)(2) tad-dispożizzjonijiet preliminari tan-Nomenklatura Magħquda;

(b) esportazzjonijiet minn individwi privati, sakemm tali operazzjonijiet jissodisfaw, mutatis mutandis, il-ħtiġijiet li hemm referenza għalihom f'punt (a).

3. L-Istati Membri huma awtorizzati li ma jitolbux liċenzja jew liċenzji ta' esportazzjoni għal prodotti u/jew merkanziji kkonsenjata minn individwi privati jew gruppi ta' individwi privati bil-ħsieb tad-distribuzzjoni ħielsa tagħhom għall-għanijiet ta' għajnuna umanitarja f'pajjiżi terzi meta l-kondizzjonijiet kollha segwenti jkunu sodisfatti:

(a) m'għandha ssir applikazzjoni għal ebda rifużjoni mill-partijiet li jixtiequ jibbenefikaw minn din l-eżenzjoni;

(b) tali kunsinni jkunu ta' natura okkażżjonali, jinkludu prodotti varji u/jew merkanziji u li ma jaqbżux total ta' 30 000 kg għal kull mezz ta' trasport; u

(ċ) l-awtoritajiet kompetenti jkollhom prova suffiċjenti f'dak li għandu x'jaqsam mad-destinazzjoni u/jew l-użu tal-prodotti u/jew merkanziji u t-twettieq xieraq tal-ħidma.

L-indikazzjoni segwenti għandha tiddaħħal f'Sezzjoni 44 tad-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni: "L-ebda rifużjoni – Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 376/2008".

Artikolu 5

Ma jkunx hemm bżonn ta' liċenzja jew ta' ċertifikat u m'hemmx għalfejn li jintwerew meta prodotti jitpoġġew f'ċirkolazzjoni ħielsa taħt it-Titolu VI, Kapitolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 li jirregola t-trattament ta' merkanziji li ġew irritornati.

▼B

Artikolu 6

1. Ma jkunx hemm bżonn ta' liċenzja ta' esportazzjoni u m'hemmx għalfejn li tkun ippreżentata fil-ħin ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni mill-ġdid għal prodotti li għalihom l-esportatur jagħti prova li tkun ingħatat deċiżjoni favorevoli għal ħlas lura jew maħfra ta' dazji ta' importazzjoni ta' tali prodotti taħt it-Titolu VII, Kapitolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

2. Meta prodotti jkunu suġġetti malli jiġu esportati għal preżentazzjoni ta' liċenzja ta' esportazzjoni u l-awtoritajiet kompetenti jaċċettaw id-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni mill-ġdid qabel ma' jiddeċiedu dwar l-applikazzjoni għal ħlas lura jew il-maħfra ta' dazji ta' l-importazzjoni, għandha tintwera liċenzja ta' l-esportazzjoni. L-iffissar bil-quddiem tar-rifużjoni ta' l-esportazzjoni jew levy m'għandux ikun permess.

KAPITOLU III

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

SEZZJONI 1

L- Ambitu tal-liċenzji, taċ-ċertifikati u ta' l-estratti

Artikolu 7

1. Il-liċenzja ta' l-importazzjoni jew l-esportazzjoni għandha tikkostitwixxi awtorizzazzjoni u toħloq obbligazzjoni rispettivament sabiex issir l-importazzjoni jew l-esportazzjoni permezz tal-liċenzja, u, minbarra f'każi ta' force majeure, matul il-perjodu tal-validità tagħha, il-kwantità speċifikata tal-prodotti jew tal-merkanzija kkonċernata.

L-obbligazzjonijiet li għalihom hemm referenza f'dan il-paragrafu għandhom ikunu l- ħtiġijiet primarji fit-tifsira ta' l-Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2220/85 ([1]).

2. Il-liċenzja ta' l-esportazzjoni li tiffissa rifużjoni ta' l-esportazzjoni bil-quddiem għandha toħloq obbligu sabiex tkun esportata l-kwantità speċifikata tal-prodott relevanti taħt il-liċenzja u, minbarra f'każi ta' force majeure, matul il-perjodu tal-validità tagħha.

Meta l-esportazzjoni tal-prodotti li huma suġġetti għal preżentazzjoni tal-liċenzja ta' l-esportazzjoni, il-liċenzja ta' l-esportazzjoni bl-iffissar bil-quddiem tar-rifużjoni għandha tistabbilixxi d-dritt għall-esportazzjoni u l-intitolament għar-rifużjoni.

Meta l-esportazzjoni tal-prodotti li ma humiex suġġetti għal preżentazzjoni tal-liċenzja ta' l-esportazzjoni, il-liċenzja ta' l-esportazzjoni bl-iffissar bil-quddiem tar-rifużjoni għandha tistabbilixxi biss l-intitolament għar-rifużjoni.

L-obbligazzjonijiet li għalihom hemm referenza f'dan il-paragrafu għandhom ikunu ħtiġiet primarji fit-tifsira ta' l-Artikolu 20 tar-Regolament (KEE) Nru 2220/85.

3. Fil-każi speċifikati fl-Artikolu 49 u fil-każi meta jkun hemm provvediment għall-ħtieġa bħal din fir-regoli speċifiċi tal-Komunità għassettur relevanti, il-ħruġ tal-liċenzja jew taċ-ċertifikat għandu joħloq obbligu sabiex issir l-importazzjoni minn jew l-esportazzjoni lejn il-pajjiż jew lejn il-grupp ta' pajjiżi speċifikati fih.

([1]) ĠU L 205, 3.8.1985, p. 5.

▼B

4. Meta l-kwantità importata jew esportata hi akbar b'mhux aktar minn 5 % mill-kwantità indikata fil-liċenzja jew fiċ-ċertifikat, għandha titqies li tkun ġiet importata jew esportata permezz ta' dik il-liċenzja jew ċertifikat.

5. Meta l-kwantità importata jew esportata tkun inqas b'mhux aktar minn 5 % mill-kwantità indikata fil-liċenzja jew fiċ-ċertifikat, l-obbligazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni għandha tkun ikkunsidrata li tkun ġiet sodisfatta.

6. Għall-għanijiet tal-paragrafi 4 u 5, jekk il-liċenzja jew iċ-ċertifikat ikun maħruġ fuq bażi ta' massimu tar-riżultat tal-kalkolu ta' 5 % li hemm referenza għalihom fihom, għandha, meta jkun applikabbli, tkun imressqa lejn l-akbar numru sħiħ li jkun imiss.

7. Meta, taħt l-Artikolu 3(4) tar-Regolament (KEE) Nru 1182/71, il-liċenzja jew iċ-ċertifikat li jiffissa l-levy ta' l-esportazzjoni jew tar-rifużjoni ta' l-esportazzjoni bil-quddiem ikun użat fl-ewwel ġurnata ta' xogħol wara l-aħħar ġurnata tal-perjodu normali tal-validità tagħha, il-liċenzja jew iċ-ċertifikat għandha tkun ikkunsidrata li tkun ġiet użata fl-aħħar ġurnata tal-perjodu normali tal-validità għall-għanijiet ta' l-ammonti ffissati bil-quddiem.

▼M1

8. Minħajr preġudizzju għall-Artikolu 1(3), il-perjodu tal-validità tal-liċenzji ta' l-importazzjoni u ta' l-esportazzjoni u taċ-ċertifikati bl-iffissar bil-quddiem għandu jkun dak stabbilit għal kull prodott fl-Anness II.

▼B

Artikolu 8

1. Obbligazzjonijiet li joħorġu mil-liċenzji jew miċ-ċertifikati m'għandhomx ikunu trasferibbli. Id-drittijiet li joħorġu mil-liċenzji jew miċ-ċertifikati m'għandhomx ikunu trasferibbli mid-detentur titolari tagħhom matul il-perjodu tal-validità tagħhom. Trasferiment bħal dan jista' jsir favur persuna waħda biss li tirċievi t-trasferiment għal kull liċenzja jew ċertifikat jew estratt minnhom. Għandu jkollu x'jaqsam mal-kwantitajiet li jkunu għadhom ma ġewx attribwiti lil-liċenzja jew liċ-ċertifikat jew l-estratt.

2. Persuni li jirċievu t-trasferimenti ma jistgħux jerġgħu jittrasferixxu d-drittijiet tagħhom imma jistgħu jittrasferixxuhom lura lid-detentur titolari. Trasferimenti lura lejn id-detentur titolari, għandhom ikollhom x'jaqsmu mal-kwantitajiet li jkunu għadhom ma ġewx attribwiti lill-liċenzja jew iċ-ċertifikat jew l-estratt.

F'każijiet bħal dawn, waħda mill-entrati elenkati fl-Anness III, Parti A, Għandha ssir mill-aġenzija tal-ħruġ fis-sezzjoni 6 tal-liċenzja jew iċ-ċertifikat.

3. Fil-każ ta' talba għal trasferiment mid-detentur titolari jew trasferiment lura lid-detentur titolari mill-persuna li tirċievi t-trasferiment, il-korp tal-ħruġ jew l-aġenzija jew aġenziji nnominati minn kull Stat Membru għandhom jiktbu dan li ġej fuq il-liċenzja jew iċ-ċertifikati jew meta jkun xieraq l-estratt minnhom:

(a) l-isem u l-indirizz ta' min jirċievi t-trasferiment jew l-entrata li hemm referenza għaliha fil-paragrafu 2;

(b) id-data ta' tali entrata ċċertifikata bit-timbru tal-korp jew ta' l-aġenzija.

4. It-trasferiment jew it-trasferiment lura lid-detentur titolari għandu jidħol fis-seħħ mid-data ta' l-entrata.

Artikolu 9

Estratti minn liċenzji jew ċertifikati għandu jkollhom l-istess effetti legali bħal-liċenzji jew iċ-ċertifikati minn fejn ikunu ġew maħruġa, fil-limiti tal-kwantità għal liema tali estratti jkunu maħruġa.

▼B

Artikolu 10

Il-liċenzji jew iċ-ċertifikati u l-estratti maħruġa u l- entrati u l-awtorizzazzjonijiet magħmula mill-awtoritajiet ta' l-Istat Membru għandu jkollhom l-istess effetti legali f'kull wieħed mill-Istati Membri l-oħra bħal dokumenti maħruġa u l- entrati u l-awtorizazzjonijiet magħmula mill-awtoritajiet ta' dawn l-Istati Membri.

Artikolu 11

1. Meta liċenzja li tiffissa r-rifużjoni bil-quddiem tintuża biex tesporta taħlita, tali taħlita m'għandhiex tkun eliġibbli malli tkun esportata għar-rata b'hekk iffissata bil-quddiem meta l-klassifikazzjoni tat-tariffa tal-kostitwent li fuqha hija kkalkulata r-rifużjoni applikabbli għat-taħlita ma jikkorrispondix ma' dik tat-taħlita.

2. Meta l-liċenzja jew iċ-ċertifikat li jiffissa r-rifużjoni ta' l-esportazzjoni bil-quddiem tintuża biex tkun esportata merkanzija maqsuma f'settijiet, ir-rata ffissata bil-quddiem għandha tapplika biss għall-komponent li għandu l-istess klassifikazzjoni ta' tariffa tas-sett.

SEZZJONI 2

Applikazzjoni U ħruġ tal-liċenzji u ċ-ċertifikati

Artikolu 12

1. M'għandha tkun aċċettata l-ebda applikazzjoni għal-liċenzja jew għaċ-ċertifikat sakemm ma tkunx mgħoddija jew ippreżentata mal-korp kompetenti fuq formoli stampati u/jew magħmula bi qbil ma' l-Artikolu 17.

B'dana kollu, il-korpi kompetenti jistgħu jaċċettaw telekomunikazzjonijiet bil-kitba u messaġġi elettroniċi bħala applikazzjonijiet validi, sakemm jinkludu l-informazzjoni kollha li kieku kienet tidher fuq il-formola, li kieku kienet ġiet użata. L-Istati Membri jistgħu jeħtieġu li telekomunikazzjoni bil-kitba u/jew messaġġ elettroniku jkun segwit b'applikazzjoni fuq formola stampata jew magħmula bi qbil ma' l-Artikolu 17, mgħoddija jew imwassla direttament għand il-korp kompetenti; f'tali każi d-data li fiha t-telekomunikazzjoni jew il-messaġġ elettroniku jkun wasal għand il-korp kompetenti għandha titqies bħala l-ġurnata li fiha tkun ġiet ippreżentata l-applikazzjoni. Din il-kondizzjoni m'għandhiex taffettwa l-validità ta' l-applikazzjonijiet ippreżentati permezz ta' telekomunikazzjoni bil-kitba jew b'messaġġ elettroniku.

Meta l-applikazzjonijiet għal-liċenzji jew għaċ-ċertifikati jkunu ppreżentati elettronikament, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif il-firma miktuba bl-idejn għandha tkun mibdula b'mezz ieħor, li jista' jkun ibbażat fuq l-użu ta' kodiċi.

2. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji u għaċ-ċertifikati jistgħu jkunu kkanċellati biss permezz ta' ittra, telekomunikazzjoni bil-kitba jew messaġġ elettroniku li jirċivihom il-korp kompetenti, minbarra f'każi ta' force majeure, sas-1 p.m. ta' dakinhar li tkun iddaħħlet l-applikazzjoni.

Artikolu 13

1. Is-Sezzjoni 16 ta' l-applikazzjonijiet għal-liċenzji bl-iffissar bil-quddiem tar-rifużjoni u tal-liċenzji nfushom għandhom juru l-kodiċi bi 12-il figura tal-prodott meħuda min-nomenklatura ta' prodotti agrikoli għall-użu ma' rifużjoni ta' l-esportazzjoni.

▼B

B'dana kollu, meta r-rata tar-rifużjoni tkun l-istess għal bosta kodiċi fl-istess kategorija, li għandhom ikunu stabbiliti bi qbil mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 1952) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u l-Artikoli korrispondenti tar-Regolamenti l-oħra li jirregolaw l-organizzazzjonijiet tas-suq, dawn il-kodiċi jistgħu jiddaħħlu flimkien fuq l-applikazzjonijiet tal-liċenzji u fuq il-liċenzji nfushom.

2. Meta jkun hemm differenza fir-rati tar-rifużjoni skond id-destinazzjoni, il-pajjiż jew iż-żona ta' destinazzjoni, skond ma jkun il-każ, għandhom ikun murija fis-Sezzjoni 7 kemm fuq l-applikazzjonijiet kif ukoll fuq il-liċenzji nfushom.

3. Mingħajr preġudizzju għall-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, meta grupp ta' prodotti kif hemm referenza għalihom fit-tieni inċiż ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 800/1999 ikunu definiti, il-kodiċi tal-prodott li jappartjeni għall-grupp jista' jiddaħħal fis-Sezzjoni 22 ta' applikazzjonijiet tal-liċenzji u fil-liċenzji, ipprekeduti mid-dikjarazzjoni: "grupp ta' prodott li hemm referenza għalih fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 800/1999".

Artikolu 14

1. Applikazzjonijiet li jkun fihom kondizzjonijiet li ma hemmx provvediment dwarhom fir-regoli tal-Komunità għandhom ikunu rrifjutati.

▼M1

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 1(3), l-ammont tal-garanzija li japplika għal-liċenzji u ċ-ċertifikati maħruġin għall-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet għandu jkun dak stabbilit fl-Anness II. Fil-każ ta' l-iffissar ta' taxxa ta' l-esportazzjoni, jista' jkun japplika wkoll ammont addizzjonali.

L-ebda applikazzjoni għal liċenzja jew għal ċertifikat m'għandha tiġi aċċettata sakemm ma tkunx ingħatat garanzija xierqa lill-korp kompetenti sa mhux aktar tard mis-1 ta' wara nofsinhar ta' dakinhar stess meta titressaq l-applikazzjoni.

▼B

3. Meta l-garanzija fuq il-liċenzja jew iċ-ċertifikat tammonta għal EUR 100 jew inqas, jew meta l-liċenzja jew iċ-ċertifikat ikun imħejji f'isem l-aġenzija ta' l-intervent, ma jkun hemm bżonn ta' l-ebda garanzija.

4. Meta l-Istati Membri jagħmlu użu mill-għażliet li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 2220/85, l-ammont tal-garanzija għandu jintalab malli jiskadi l-limitu ta' żmien ta' xahrejn wara d-data li fiha tiskadi l-validità tal-liċenzja.

5. Ma jkun hemm bżonn ta' l-ebda garanzija fil-każ tal-liċenzji ta' l-esportazzjoni maħruġa f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi marbuta ma' l-operazzjonijiet mhux Komunitarji ta' għajnuna għall-ikel imwettqa minn aġenziji umanitarji approvati għal dak il-għan mill-Istat Membru esportatur. L-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni immedjatament b'tali aġenziji umanitarji approvati.

6. Meta jkunu applikati l-paragrafi 3, 4 u 5, it-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 4(1) għandu japplika mutatis mutandis.

Artikolu 15

Applikazzjonijiet għal liċenzji jew liċenzji bl-iffissar bil-quddiem li huma mfassla fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' għajnuna għall-ikel skond it-tifsira ta' l-Artikolu 10 (4) tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura, konkluża bħala parti miċ-Ċiklu ta' l-Uruguay ta' negozjati kummerċjali multilaterali, għandu jkun fihom fis-Sezzjoni 20 mill-inqas waħda mill-entrati fl-Anness III, Parti B ta' dan ir-Regolament.

▼B

Il-pajjiż tad-destinazzjoni għandu jkun indikat fis-Sezzjoni 7. Din il-liċenzja għandha tkun valida biss għall-esportazzjonijiet fil-kuntest ta' dawk l-operazzjonijiet ta' għajnuna għall- ikel.

Artikolu 16

1. Il-ġurnata li fiha tkun ippreżentata l-applikazzjoni għal liċenzja jew ċertifikat tfisser il-ġurnata li fiha l-korp kompetenti jkun irċiviha, sakemm din tkun waslet mhux aktar tard mis-1 p.m., mingħajr ma jingħata każ ta' jekk l-applikazzjoni tkunx imwassla direttament lill-korp kompetenti jew ippreżentata lilu permezz ta' ittra jew tele-komunikazzjoni bil-miktub jew permezz ta' messaġġ elettroniku.

2. Applikazzjoni għal liċenzja jew ċertifikat imwassla għand il-korp kompetenti nhar ta' Sibt, nhar ta' Ħadd jew f'xi vaganza jew wara s-1 p.m. ta' jum tax-xogħol għandha titqies li tkun ġiet ippreżentata fl-ewwel jum tax-xogħol ta' wara l-ġurnata li fil-fatt tkun ġiet ippreżentata.

3. Meta perjodu ta' numru speċifiku ta' ġranet ikun stabbilit għall-preżentazzjoni ta' l-applikazzjonijiet għal-liċenzji jew għaċ-ċertifikati u meta l-aħħar ġurnata tal-perjodu taħbat is-Sibt, il-Ħadd jew f'vaganza, il-perjodu in kwistjoni għandu jintemm fis-1 p.m nhar l-ewwel ġurnata xogħol ta' wara.

B'dana kollu, m'għandux jingħata każ ta' tali estenzjonijiet sabiex jiġu kkalkolati l-ammonti stabbiliti fil-liċenzja jew fiċ-ċertifikat jew sabiex ikun stabbilit il-perjodu tal-validità tagħhom.

4. Il-limiti taż-żmien speċifikati f'dan ir-Regolament huma f'ħin lokali Belġjan.

Artikolu 17

1. Mingħajr preġudizzju għat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 12(1) u ta' l-Artikolu 18(1), l-applikazzjonijiet għal-liċenzji jew għaċ-ċertifikati, liċenzji u ċertifikati u estratti minnhom għandhom ikunu mhejjija fuq formoli li jkunu konformi mal-mudelli stabbiliti fl-Anness I. Dawn il-formoli għandhom jimtlew billi jkunu segwiti l-istruzzjonijiet mogħtija fihom u bi qbil mad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Komunità applikabbli fis-settur tal-prodott relevanti.

2. Il-formoli tal-liċenzji u taċ-ċertifikati għandhom ikunu magħmula f'settijiet li jkun fihom il-kopja Nru 1, il-kopja Nru 2 u l-applikazzjoni, flimkien ma' kull kopja żejda tal-liċenzja jew taċ-ċertifikat, f'dik l-ordni.

B'dana kollu, l-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-applikanti sabiex jimlew formola ta' l-applikazzjoni biss, minflok jimlew is-settijiet li għalihom hemm ipprovdut fl-ewwel subparagrafu.

Meta, bħala riżultat ta' miżura tal-Komunità, il-kwantità li għaliha tkun inħarġet liċenzja jew ċertifikat tista' tkun inqas mill-kwantità li għaliha inizjalment kienet saret l-applikazzjoni għal-liċenzja jew għaċ-ċertifikat, il-kwantità li għaliha tkun saret l-applikazzjoni u l-ammont ta' garanzija li għandu x'jaqsam magħha għandhom jinkitbu biss fuq il-formola ta' l-applikazzjoni.

Il-formoli għall-estratti tal-liċenzji jew taċ-ċertifikati għandhom ikunu magħmula f'settijiet li jkun fihom il-kopja Nru 1 u l-kopja Nru 2, f'dik l-ordni.

▼B

3. Il-formoli, inklużi l-paġni miżjuda, għandhom ikunu stampati fuq karta bajda mingħajr polpa mekkanika, mħejjija għall-kitba u li tiżen ta' l-inqas 40 gramma għal kull metru kwadru. Id-daqs tagħhom għandu jkun ta' 210 × 297 mm, it-tul permess ivarja minn 5 mm taħt l-aħħar figura sa 8 mm 'l fuq; l-ispazju tat-tipa bejn il-linji għandu jkun 4,24 mm (1/6 ta' pulzier); il-preżentazzjoni tal-formoli għandha tkun segwita b'mod preċiż. Iż-żewġ naħat tal-kopja Nru 1 u n-naħa tal-paġni miżjuda li fuqhom iridu jidhru l-attribuzzjonijiet għandhom jkollhom ukoll sfond stampat b'disinn ta' guilloche sabiex tikxef kull falsifikazzjoni permezz ta' mezzi mekkaniċi jew kimiċi. L-isfond tal-guilloche għandu jkun aħdar għall-formoli li għandhom x'jaqsmu ma' l-importazzjoni u kulur kannella sepja għall-formoli li għandhom x'jaqsmu ma' l-esportazzjoni.

4. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli sabiex jkollhom il-formoli stampati. Il-formoli jistgħu jkunu stampati wkoll minn stampaturi maħtura mill-Istat Membru li fih ikunu stabbiliti. F'dan il-każ ta' l-aħħar, referenza dwar l-approvazzjoni mill-Istat Membru għandha tidher fuq kull formula. Kull formola għandha turi indikazzjoni ta' l-isem u l-indirizz ta' l-istampatur jew marka li biha l-istampatur jista' jkun identifikat u, ħlief għall-formola ta' l-applikazzjoni u l-paġni miżjuda, numru serjali individwali. In-numru għandu jkun ippreċedut bl-ittri segwenti skond l-Istat Membru li joħroġ id-dokument: "AT" għall-Awstrija "BE" għall-Belġju, "BG" għall-Bulgarija, "CZ" għar-Repubblika Ċeka, "CY" għaċ-Ċipru, "DE" għall-Ġermanja, "DK" għad-Danimarka, "EE" għall-Estonja, "EL" għall-Greċja, "ES" għal Spanja, "FI" għall-Finlandja, "FR" għal Franza, ►M6 "HR" għall-Kroazja, ◄ "HU" għall-Ungerija, "IE" għall-Irlanda, "IT" għall-Italja, "LU" għal-Lussemburgu, "LT" għal-Litwanja, "LV" għal-Latvja, "MT" għal Malta, "NL" għall-Olanda, "PL" għall-Polonja, "PT" għall-Portugall, "RO" għar-Rumanija, "SE" għall-Iżvezja, "SI" għas-Slovenja u "UK" għar-Renju Unit.

Fiż-żmien tal-ħruġ tagħhom il-liċenzji jew iċ-ċertifikati u l-estratti jistgħu juru numru ta' ħruġ allokat mill-korp ta' ħruġ.

5. L-applikazzjoni, il-liċenzji u ċ-ċertifikati u l-estratti għandhom jimtlew b'tipa ttajpjata jew permezz ta' mezzi kkompjuterizzati. Għandhom ikunu stampati u mimlija f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Komunità, kif speċifikat mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru tal-ħruġ. B'dana kollu, l-Istati Membri jistgħu jippermettu li l-applikazzjonijiet jkunu miktuba biss bl-idejn bil-inka u b'ittri kapitali.

6. It-timbri ta' korpjiet tal-ħruġ u l-awtoritajiet ta' l-attribwiti għandhom isiru permezz ta' timbru tal-metall, preferibbilment magħmul mill-azzar. B'dana kollu, it-timbru tal-korp tal-ħruġ jista' jkun mibdul b'timbru t'għafis flimkien ma' ittri jew figuri miksuba permezz ta' nfid.

7. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri kkonċernati jistgħu, meta jkun neċessarju, jitolbu li l-liċenzji jew iċ-ċertifikati jew l-estratti minnhom ikunu tradotti fil-lingwa uffiċjali jew waħda mil-lingwi uffiċjali ta' dak l-Istat Membru.

Artikolu 18

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 17, il-liċenzji u ċ-ċertifikati jistgħu jinħarġu u jkunu wżati bl-użu ta' sistemi kkompjuterizzati bi qbil mar-regoli dettaljati stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti. Minn issa 'l quddiem dawn ikunu magħrufa bħala "il-liċenzji u ċ-ċertifikati elettroniċi".

Il-kontenut tal-liċenzji u ċ-ċertifikati elettroniċi għandu jkun identiku għal dak tal-liċenzji u ċ-ċertifikati fuq il-karta.

▼B

2. Meta d-detenturi titolari jew dawk il-persuni li lilhom jkunu trasferiti l-liċenzji jew iċ-ċertifikati jkollhom bżonn jużaw il-formola elettronika fi Stat Membru li ma jkunx imqabbad mas-sistema tal-ħruġ bil-kompjuter, dawn għandhom jitolbu estratt minnha.

Estratti bħal dawn għandhom jinħarġu mingħajr dewmien u mingħajr spejjeż addizzjonali fuq formola skond ma hemm ipprovdut dwar dan fl-Artikolu 17.

Fi Stati Membri mqabbda mas-sistema tal-ħruġ bil-kompjuter, estratti bħal dawn għandhom jintużaw fl-għamla ta' l-estratt fuq il-karta.

Artikolu 19

1. Meta l-ammonti li jirriżultaw mill-kambju ta' l-ewro f'somom f'munita nazzjonali li għandhom jinkitbu fuq il-liċenzji jew fuq iċ-ċertifikati jkun fihom tliet postijiet deċimali jew aktar, għandhom jingħataw biss l-ewwel tnejn. F'każi bħal dawn, meta t-tielet post ikun ħamsa jew aktar it-tieni post għandu jitwassal lejn l-unità segwenti, u meta t-tielet post hu inqas minn ħamsa t-tieni post għandu jibqa' l-istess.

2. B'dana kollu, meta l-ammonti murija f'euros huma kkonvertiti f'liri sterlini, ir-referenza għall-ewwel żewġ postijiet deċimali fil-paragrafu 1 għandhom jinqraw bħala referenza għall-ewwel erba' numri deċimali. F'każi bħal dawn, meta l-ħames post ikun ħamsa jew aktar ir-raba' post għandu jitwassal lejn l-unità segwenti, u meta l-ħames post ikun inqas minn ħamsa r-raba' post għandu jibqa' l-istess.

Artikolu 20

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 18 dwar il-liċenzji u ċ-ċertifikati elettroniċi, il-liċenzji u ċ-ċertifikati għandhom ikunu mħejjija f'mill-inqas żewġ kopji, l-ewwel waħda minnhom, imsemmija "kopja tad-detentur" u mmarkata "Nru 1", għandha tingħata bla telf ta' żmien lill-applikant u t-tieni waħda, imsemmija "kopja tal-korp tal-ħruġ" u mmarkata "Nru 2", għandha tinżamm mill-korp tal-ħruġ.

2. Meta l-liċenzja jew iċ-ċertifikat ikunu maħruġa għal kwantità ta' inqas minn dik li għaliha saret l-applikazzjoni, il-korp tal-ħruġ għandu jindika:

(a) fis-Sezzjoni 17 u 18, il-kwantità li għaliha tkun inħarġet il-liċenzja jew iċ-ċertifikat;

(b) fis-Sezzjoni 11, l-ammont tal-garanzija korrispondenti.

Il-garanzija ppreżentata f'dak li jirrigwarda l-kwantità li għaliha ma nħarġitx il-liċenzja jew iċ-ċertifikat għandha tkun irrilaxxata mill-ewwel.

Artikolu 21

1. Malli ssir l-applikazzjoni mid-detentur titolari tal-liċenzja jew taċ-ċertifikat jew min dak li jirċievi t-trasferiment, u fuq il-preżentazzjoni tal-kopja Nru 1 tad-dokument, jista' jinħareġ estratt wieħed jew aktar tagħhom mill-korp jew l-aġenzija tal-ħruġ jew aġenziji maħtura minn kull Stat Membru.

L-estratti għandhom ikunu mħejjija f'mill-inqas żewġ kopji, l-ewwel waħda minnhom, imsemmija "kopja tad-detentur" u mmarkata "Nru 1", għandha tingħata jew tkun indirizzata lill-applikant u t-tieni, imsemmija "kopja tal-korp tal-ħruġ" u mmarkata "Nru 2", għandha tinżamm mill-korp tal-ħruġ.

▼B

Il-korp li joħroġ l-estratt għandu, fuq il-kopja Nru 1 tal-liċenzja jew taċ-ċertifikat, jikteb il-kwantità li għaliha jkun inħareġ l-estratt, miżjuda bit-tolleranza relevanti. Il-kelma "estratt" għandha tinkiteb biswit il-kwantità miktuba fuq il-kopja Nru 1 tal-liċenzja jew taċ-ċertifikat.

2. L-ebda estratt ieħor ma' tkun tista' ssir minn estratt ta' liċenzja jew ta' ċertifikat.

3. Kopja Nru 1 ta' l-estratt li jkun intuża jew li jkun skadut għandu jkun irritornata mid-detentur titolari lejn il-korp li jkun ħareġ il-liċenzja jew iċ-ċertifikat, flimkien mal-kopja Nru 1 tal-liċenzja jew taċ-ċertifikat li tkun ġejja minnu, sabiex il-korp ikun jista' jagħmel l-aġġustamenti lill-entrati fil-kopja Nru 1 tal-liċenzja jew taċ-ċertifikat fid-dawl ta' dawk li jidhru fuq il-kopja Nru 1 ta' l-estratt.

Artikolu 22

1. Għall-għan biex ikun iddeterminat il-perjodu tal-validità tagħhom, il-liċenzji u ċ-ċertifikati għandhom jitqiesu li jkunu nħarġu dakinhar li tkun ġiet ippreżentata l-applikazzjoni dwarhom, b'dik il-ġurnata tkun inkluża fil-kalkolu ta' dak il-perjodu tal-validità. B'dana kollu, liċenzji u ċertifikati ma jkunux jistgħu jiġu wżati qabel il-ħruġ effettiv tagħhom.

2. jista' jkun speċifikat li l-liċenzja jew iċ-ċertifikat għandu jsir validu dakinhar tal-ħruġ effettiv tagħhom, f'liema każ dik il-ġurnata għandha tkun inkluża fil-kalkolazzjoni tal-perjodu tal-validità tagħhom.

SEZZJONI 3

Użu tal-liċenzji u taċ-ċertifikati

Artikolu 23

1. Il-kopja Nru 1 tal-liċenzja jew taċ-ċertifikat għandha tkun ippreżentata lill-uffiċċju doganali li jkun aċċetta:

(a) fil-każ ta' liċenzja ta' l-importazzjoni, id-dikjarazzjoni ta' rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa;

(b) fil-każ ta' liċenzja jew ċertifikat ta' l-iffissar bil-quddiem tar-rifużjonijiet, id-dikjarazzjoni rigward l-esportazzjoni.

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 2(1)(i) tar-Regolament (KE) Nru 800/1999, id-dikjarazzjoni doganali għandha ssir mid-detentur titolari jew, meta jkun applikabbli, minn dak li jirċievi t-trasferiment tal-liċenzja jew taċ-ċertifikat, jew mir-rappreżentant tagħhom skond it-tifsira ta' l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

2. Il-kopja Nru 1 tal-liċenzja jew taċ-ċertifikat għandha tintwera, jew tinżamm għad-dispożizzjoni ta' l-awtoritajiet doganali, fiż-żmien ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni li hemm referenza għaliha f'paragrafu 1.

3. Wara li l-uffiċċju li hemm referenza għalih f'paragrafu 1 ikun għamel l-attribuzzjoni u jkun awtorizza l-kopja Nru 1 tal-liċenzja jew taċ-ċertifikat, din għandha tkun mibgħuta lura lejn il-parti kkonċernata. B'dana kollu, l-Istati Membri jistgħu jitolbu jew jippermettu lill-parti kkonċernata li tagħmel l-entrata fuq il-liċenzja jew iċ-ċertifikat; f'dawk il-każi kollha, l-entrata għandha tkun eżaminata u awtorizzata mill-uffiċċju kompetenti.

4. Meta l-kwantità importata jew esportata ma tkunx tikkorrispondi mal-kwantità miktuba fuq il-liċenzja jew iċ-ċertifikat, l-entrata fuq il-liċenzja jew iċ-ċertifikat għandha tkun ikkoreġuta sabiex turi l-kwantità effettiva importata jew esportata, fil-limiti tal-kwantità li għaliha tkun inħarġet il-liċenzja jew iċ-ċertifikat.

▼B

Artikolu 24

1. Minkejja l-Artikolu 23, Stat Membru jista' jippermetti li l-liċenzja jew iċ-ċertifikat ikun:

(a) ippreżentat mal-korp tal-ħruġ jew, l-awtorità responsabbli mill-ħlas tar-rifużjoni;

(b) fil-każijiet fejn japplika l-Artikolu 18, maħżuna fid-database tal-korp tal-ħruġ jew l-awtorità responsabbli mill-ħlas tar-rifużjoni.

2. L-Istat Membru kkonċernat għandu jistabbilixxi l-każi li fihom il-paragrafu 1 għandu jkun japplika u l-kondizzjonijiet li għandhom ikunu sodisfatti mill-parti kkonċernata sabiex tibbenefika mill-proċedura stabbilita f'dak il-paragrafu. Minbarra dan, id-dispożizzjonijiet adottati minn dak l-Istat Membru għandhom jassiguraw trattament ugwali għaċ-ċertifikati kollha maħruġa fil-Komunità.

3. L-Istat Membru għandu jiddeċiedi liema awtorità għandha tagħmel l-entrata fuq il-liċenzja jew iċ-ċertifikat u tawtorizzah.

B'dana kollu, l-attribuzzjoni u l-validazzjoni u l-awtorizzazzjoni tagħha fuq il-liċenzja jew iċ-ċertifikat għandhom jitqiesu li jkunu twettqu meta:

(a) id-dokument li jagħti d-dettalji tal-kwantitajiet esportati jkun ġie ġġenerat mill-kompjuter; dan id-dokument għandu jkun mehmuż mal-liċenzja jew maċ-ċertifikat u ppreżentat miegħu;

(b) il-kwantitajiet esportati ġew introdotti f'database elettroniku uffiċjali ta' l-Istat Membru kkonċernat u hemm rabta bejn din l-informazzjoni u ċ-ċertifikat elettroniku; l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jarkivjaw din l-informazzjoni bl-użu ta' verżjonijiet fuq il-karta tad-dokumenti elettroniċi.

Id-data ta' l-entrata għandha tkun ikkunsidrata bħala d-data ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 23(1).

4. Fiż-żmien ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni doganali, il-parti kkonċernata għandha tindika fuq id-dokument tad-dikjarazzjoni li dan l-Artikolu japplika u tikkwota n-numru tar-referenza tal-liċenzja jew taċ-ċertifikat li għandu jintuża.

5. Fil-każ tal-liċenzja jew taċ-ċertifikat li tawtorizza l-importazzjoni jew l-esportazzjoni, il-merkanzija tista' tinħareġ biss jekk l-awtorità kompetenti tkun informat lill-uffiċċju doganali li hemm referenza għalih fl-Artikolu 23(1) li l-liċenzja jew iċ-ċertifikat indikat fuq id-dokument doganali huwa validu għall-prodott ikkonċernat u li jkun ġie attribwit.

6. Meta l-prodotti esportati ma jkunux suġġetti għall-preżentazzjoni tal-liċenzja ta' l-esportazzjoni imma li r-rifużjoni ta' l-esportazzjoni jkunu ġew stabbiliti permezz tal-liċenzja ta' l-esportazzjoni li tiffissa bil-quddiem ir- rifużjoni ta' l-esportazzjoni, jekk, minħabba żball, id-dokument użat waqt l-esportazzjoni sabiex juri l-eliġibilità għal rifużjoni ma jsemmix dan l-Artikolu u/jew in-numru tal-liċenzja jew taċ-ċertifikat, jew jekk l-informazzjoni ma tkunx korretta, l-operazzjoni tista' tkun regolarizzata sakemm il-kondizzjonijiet segwenti jkunu milħuqa:

(a) liċenzja ta' l-esportazzjoni bl-iffissar bil-quddiem tar-rifużjoni għall-prodott ikkonċernat, valida dakinhar ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni, tkun fil-pussess ta' l-awtorità responsabbli għall-ħlas tar-rifużjoni;

▼B

(b) tinżamm prova suffiċjenti għad-dispożizzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti sabiex ikunu jistgħu jistabbilixxu rabta bejn il-kwantità esportata u l-liċenzja jew iċ-ċertifikat li jkopri l-esportazzjoni.

Artikolu 25

1. Entrati magħmula fuq il-liċenzji, iċ-ċertifikati jew l-estratti ma jistgħux jinbidlu wara l-ħruġ tagħhom.

2. Meta jkun hemm dubju dwar l-eżattezza ta' entrati fuq il-liċenzji, iċ-ċertifikati jew l-estratti, dik il-liċenzja, iċ-ċertifikat jew l-estratt għandha, fuq l-inizjattiva tal-parti kkonċernata jew ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru kkonċernat, tkun mibgħuta lura lejn il-korp tal-ħruġ.

Jekk il-korp tal-ħruġ jikkonsidra li jkun hemm bżonn ta' korrezzjoni, għandu jirtira l-estratt jew il-liċenzja jew iċ-ċertifikat kif ukoll kull estratt maħruġa qabel u għandu joħroġ bla telf ta' żmien jew estratt korrett jew liċenzja korretta jew ċertifikat korrett u l-estratti korretti li jikkorrispondu magħhom. Fuq id-dokumenti l-oħra, li għandhom jinkludu l-entrata "liċenzja (jew ċertifikat) korretti nhar il-…" jew "estratt korrett nhar il-…", l-entrati kollha preċedenti għandhom ikunu riprodotti fuq kull kopja.

Meta l-korp tal-ħruġ ma' jikkunsidrax li jkun meħtieġ li l-liċenzja, iċ-ċertifikat jew l-estratt ikunu korretti, għandha tinkiteb fuqhom l-awtorizzazzjoni "ivverifikat nhar il-… bi qbil ma' l-Artikolu 25 tar-Regolament (KE) Nru 376/2008" u jagħmel it-timbru tiegħu.

Artikolu 26

1. Fuq talba tal-korp tal-ħruġ, id-detentur titolari għandu jibgħat lura l-liċenzja jew iċ-ċertifikat u l-estratti minnhom.

2. Meta dokument suġġett għal tilwim ikun mibgħut lura jew miżmum bi qbil ma' dan l-Artikolu jew l-Artikolu 25, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom, fuq talba, jagħtu riċevuta lill-parti kkonċernata.

Artikolu 27

Meta l-ispazju rriservat għall-entrati fuq il-liċenzji, iċ-ċertifikati jew l-estratti minnhom ma jkunx suffiċjenti, l-awtoritajiet li jagħmlu l-entrati jistgħu jehmżu magħhom paġna jew aktar ta' estensjoni li jkun fihom spazju għall-entrati kif murija fuq wara tal-kopja Nru 1 tal-liċenzji, taċ-ċertifikati jew ta' l-estratti msemmija. Dawn l-awtoritajiet għandhom ipoġġu t-timbru tagħhom sabiex nofsu jkun fuq il-liċenzja, iċ-ċertifikat jew l-estratt minnhom u n-nofs l-ieħor fuq il-paġna miżjuda, u għal kull paġna miżjuda maħruġa għandu jitpoġġa timbru ieħor bl-istess mod min-naħa għall-oħra ta' tali paġna u l-paġna ta' qabel.

Artikolu 28

1. Meta jkun hemm dubju dwar l-awtenticità tal-liċenzja, taċ-ċertifikat jew ta' l-estratt, jew ta' l-entrati jew ta' l-awtorizzazzjonijiet fuqhom, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jirritornaw id-dokument dubjuż, jew fotokopja tiegħu, lejn l-awtoritajiet ikkonċernati għall-kontroll.

Id-dokumenti jistgħu jkunu rritornati wkoll permezz ta' kontroll każwali, f'tali każ għandha tkun irritornata biss fotokopja tad-dokument.

▼B

2. Meta dokument dubjuż ikun irritornat bi qbil mal-paragrafu 1, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom fuq talba jagħtu riċevuta lill-parti kkonċernata.

Artikolu 29

1. Meta jkun neċessarju, għall-applikazzjoni xierqa ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jaqsmu bejniethom l-informazzjoni dwar il-liċenzji, iċ-ċertifikati u l-estratti minnhom u dwar l-irregolaritajiet u l-ksur tal-liġijiet li jikkonċernawhom.

2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni malli jkollhom għarfien dwar l-irregolaritajiet u l-ksur tal-liġijiet dwar dan ir-Regolament.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-ismijiet u l-indirizzi tal-korpi li jkunu ħarġu l-liċenzji jew iċ-ċertifikati u l-estratti minnhom, jiġbru levies ta' l-esportazzjoni u jħallsu r-rifużjoni ta' l-esportazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tippubblika din l-informazzjoni fil- Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

4. L-Istati Membri għandhom ukoll jgħaddu lill-Kummissjoni impressjonijiet tat-timbri uffiċjali u, meta hu xieraq, tal-presses ta' inqix użati mill-awtoritajiet li jkunu mogħtija s-setgħa biex jaġixxu. Il-Kummissjoni għandha tinforma immedjatament lill-Istati Membri l-oħra b'dana kollu.

SEZZJONI 4

Rilaxx tal-garanziji

Artikolu 30

F'dak li għandu x'jaqsam mal-perjodu tal-validità tal-liċenzji u taċ-ċertifikati:

(a) l-obbligazzjoni għall-importazzjoni għandha titqies li tkun ġiet imwettqa u d-dritt għall-importazzjoni permezz tal-liċenzja jew taċ-ċertifikat għandhu jitqies li jkun sar dakinhar li d-dikjarazzjoni li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 23(1)(a) tkun aċċettata, suġġetta dejjem li l-prodott ikkonċernat ikun fil-fatt imqiegħed f'ċirkolazzjoni ħielsa;

(b) l-obbligazzjoni għall-esportazzjoni għandha titqies li tkun ġiet imwettqa u d-dritt għall-esportazzjoni permezz tal-liċenzja jew taċ-ċertifikat għandhu jitqies li jkun sar dakinhar li d-dikjarazzjoni li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 23(1)(b) tkun aċċettata.

Artikolu 31

Twettiq tar-rekwiżit primarju għandu jintwera bil-produzzjoni ta' prova:

(a) għall-importazzjonijiet, ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 23(1)(a) dwar il-prodott ikkonċernat;

(b) għall-esportazzjonijiet, ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 23(1)(b) dwar il-prodott ikkonċernat; Minbarra dan:

▼B

(i) fil-każ ta' l-esportazzjoni jew tal-provvisti trattati bħala esportazzjonijiet fit-tifsira ta' l-Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 800/1999, ikun hemm bżonn ta' prova li l-prodott ikun ġie, fi żmien 60 ġurnata mid-data ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni, sakemm ma jkunx imwaqqaf milli jagħmel dan minħabba force majeure, jew, fil-każ tal-provvisti trattati bħala esportazzjonijiet, waslu fid-destinazzjoni tagħhom jew, f'każi oħra, ħallew it-territorju doganali tal-Komunità. Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, kunsinni ta' kwalunkwe prodotti maħsuba biss għall-konsum abbord pjattaformi tat-tħaffir jew ta' l-estrazzjoni, li jinkludu postijiet ta' xogħol li jipprovdu s-servizzi ta' appoġġ għal dawn l-operazzjonijiet, li jkunu qegħdin fl-inħawi tas-sezzjoni sotto-marina kontinentali Ewropea, jew fl-inħawi tas-sezzjoni sotto-marina kontinentali tal-parti mhux Ewropea tal-Komunità, iżda lil hinn miż-żona ta' tliet mili li tibda mil-linja bażi użata sabiex tkun stabbilita l-medda tal-baħar territorjali ta' l-Istat Membru, għandu jkun meqjus bħala li jkun ħareġ mit-territorju doganali tal-Komunità;

(ii) fil-każi meta l-prodotti jkunu ġew imqiegħda taħt il-proċedura ta' l-imħażen tal-ħwejjeġ ta' l-ikel, li hemm provvediment dwarhom fl-Artikolu 40 tar-Regolament (KE) Nru 800/1999, għandu jkun hemm bżonn ta' evidenza li l-prodott, fi żmien 30 ġurnata mill-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni tat-tqegħid tiegħu taħt dik il-proċedura u sakemm ma jitħalliex minħabba force majeure, ikun ġie mqiegħed f'maħżen tal-ħwejjeġ ta' l-ikel.

B'dana kollu, meta l-iskadenza ta' 60 ġurnata li hemm referenza għaliha fil-punt (b)(i) ta' l-ewwel paragrafu jew l-iskadenza ta' 30 ġurnata li hemm referenza għaliha fil-punt (b)(ii) ta' l-ewwel paragrafu tkun għaddiet, il-garanzija għandha tkun irrilaxxata bi qbil ma' l-Artikolu 23(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2220/85.

Il-garanzija ma għandhiex tkun konfiskata taħt it-tieni paragrafu f'dawk il-każijiet ta' kwantitajiet għal-liema r-rifużjoni hija mnaqqsa skond l-Artikolu 50(1) tar-Regolament (KE) Nru 800/1999 għan-nuqqas li jintlaħqu l-iskadenzi msemmijin fl-Artikolu 7(1) u l-Artikolu 40(1) ta' dak ir-Regolament.

Artikolu 32

1. Il-prova meħtieġa taħt l-Artikolu 31 għandha tingħata kif imiss:

(a) fil-każi li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 31(a), bil-preżentazzjoni tal-kopja Nru 1 tal-liċenzja jew taċ-ċertifikat u, meta jkun applikabbli, tal-kopja Nru 1 ta' l-estratt jew ta' l-estratti mil-liċenzja jew miċ-ċertifikat, awtorizzati kif hemm ipprovdut fl-Artikolu 23 jew fl-Artikolu 24;

(b) fil-każi msemmija fl-Artikolu 31(b), u soġġetti għall-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, bil-preżentazzjoni tal-kopja Nru 1 tal-liċenzja jew iċ-ċertifikat, u fejn applikabbli, tal-kopja Nru 1 ta' l-estratt jew l-estratti tal-liċenzja jew ċertifikat, awtorizzati kif ipprovdut fl-Artikolu 23 jew l-Artikolu 24.

2. Barra minn dan, fil-każ ta' l-esportazzjoni mill-Komunità jew tal-provvisti lejn destinazzjoni skond it-tifsira ta' l-Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 800/1999 jew it-tqegħid tal-prodotti taħt l-arranġamenti li għalihom hemm ipprovdut fl-Artikolu 40 ta' dak ir-Regolament, prova addizzjonali tkun meħtieġa.

Din il-prova addizzjonali għandha tingħata kif imiss:

(a) meta l-operazzjonijiet segwenti jseħħu fl-Istat Membru in kwistjoni, tali prova addizzjonali għandha titħalla fl-għażla ta' l-Istat Membru li fih:

(i) tkun inħarġet il-liċenzja jew iċ-ċertifikat;

▼B

(ii) tkun ġiet aċċettata d-dikjarazzjoni li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 23(1)(b) ta' dan ir-Regolament, u

(iii) il-prodott:

— ikun ħareġ mit-territorju doganali tal-Komunità. Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament kunsinni ta' kwalunkwe prodotti maħsuba biss għall-konsum abbord pjattaformi ta' tħaffir jew ta' l-estrazzjoni, li jinkludu postijiet ta' xogħol li jipprovdu servizzi ta' appoġġ għal dawn l-operazzjonijiet, li jkunu qegħdin fl-inħawi tal-parti sotto-marina kontinentali Ewropea, jew fl-inħawi tal-parti sotto-marina kontinentali tal-parti mhux Ewropea tal-Komunità imma lil hinn miż-żona ta' tliet mili li tibda mil-linja bażi użata sabiex ikun stabbilit il-wisa' tal-baħar territorjali ta' Stat Membru, għandu jitqies li jkun ħareġ mit-territorju doganali tal-Komunità,

— ikun ikkunsenjat lejn waħda mid-destinazzjonijiet elenkati fl-Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 800/1999, jew

— ikun imqiegħed f'maħżen bi ħwejjeġ ta' l-ikel permezz ta' l-Artikolu 40 tar-Regolament (KE) Nru 800/1999,

(b) fil-każi l-oħra kollha, l-prova addizzjonali għandha tingħata permezz ta':

(i) preżentazzjoni tal-kopja ta' kontroll T5 jew tal-kopji li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 472 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 jew ta' kopja jew ta' fotokopja ċċertifikata ta' tali kopja jew kopji ta' kontroll T5, jew

(ii) xhieda mogħtija mill-aġenzija responsabbli mill-ħlas tar-rifużjoni li l-kondizzjonijiet fl-Artikolu 31(b) ta' dan ir-Regolament ġew sodisfatti, jew

(iii) prova ekwivalenti kif għaliha hemm ipprovdut f'paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.

Meta l-għan ewlieni tal-kopja ta' kontroll T5 huwa r-rilaxx tal-garanzija, il-kopja ta' kontroll T5 għandha jkun fiha, fis-sezzjoni 106, waħda mill-entrati elenkati fl-Anness III, Parti Ċ ta' dan ir-Regolament.

B'dana kollu, jekk l-estratt mil-liċenzja jew miċ-ċertifikat, liċenzja jew ċertifikat sostitut jew estratt sostitut jkun użat, l-entrata msemmija hawn fuq għandha tiddikjara wkoll n-numru tal-liċenzja jew taċ-ċertifikat oriġinali u l-isem u l-indirizz tal-korp tal-ħruġ.

Id-dokumenti li hemm referenza għalihom f'punt (b)(i) u (ii) għandhom jintbagħtu lejn il-korp tal-ħruġ permezz ta' kanali uffiċjali.

3. Meta, wara aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 23(1)(b), prodott jitqiegħed taħt wieħed mill-arranġamenti simplifikati previsti fil-Parti II, Titolu II, Kapitolu 7, sezzjoni 3 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 jew fit-Titolu X, Kapitolu I, ta' l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni ta' l-20 ta' Mejju 1987 dwar il-proċedura ta' tranżitu komuni għat-trasport lejn stazzjon ta' destinazzjoni jew kunsinna lejn persuna li tirċievi barra mit-territorju doganali tal-Komunità, il-kopja ta' kontroll T5 meħtieġa skond il-paragrafu 2(b) ta' dan l-Artikolu, ser tintbagħat permezz ta' mezzi uffiċjali lill-korp tal-ħruġ. Waħda mill-entrati elenkati fl-Anness III, Parti D ta' dan ir-Regolament, ser tiddaħħal fis-sezzjoni "J" tal-kopja ta' kontroll T5 taħt l-intestatura "Kummenti".

▼B

Fil-każ li hemm referenza għalih fl-ewwel subparagrafu, l-uffiċċju tat-tluq jista' jippermetti li jkun emendat il-kuntratt tal-ġarr sabiex il-ġarr jispiċċa fil-Komunità, biss jekk ikun stabbilit:

(a) li, meta l-garanzija tkun diġà ġiet irrilaxxata, tali garanzija għandha tkun imġedda, jew

(b) li l-passi neċessarji jkunu ttieħdu mill-awtoritajiet ikkonċernati sabiex ikun assigurat li l-garanzija ma tkunx irrilaxxata.

Meta l-garanzija ġiet irrilaxxata mingħajr ma l-prodott ikun ġie esportat, l-Istati Membri għandhom jieħdu azzjoni xierqa.

4. Meta l-kopja ta' kontroll T5 li hemm referenza għaliha fil-paragrafu 2(b) ma tkunx tista' tiġi ppreżentata fi żmien tliet xhur wara l-ħruġ tagħha minħabba ċirkostanzi lil hinn mill-kontroll tal-parti kkonċernata, dan ta' l-aħħar jista' japplika għand il-korp kompetenti sabiex ikunu aċċettati dokumenti oħra, filwaqt li tkun iddikjarata l-bażi għal tali applikazzjoni u jkunu fornuti dokumenti ta' sostenn.

Id-dokumenti ta' sostenn li għandhom ikunu ppreżentati flimkien ma' l-applikazzjoni għandhom ikunu dawk speċifikati fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 49(3) tar-Regolament (KE) Nru 800/1999.

Artikolu 33

Għall-għanijiet ta' l-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 800/1999, l-aħħar ġurnata tax-xahar għandha tkun meħuda li tkun il-ġurnata ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 23(1)(b) ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 34

1. Malli d-detentur titolari jagħmel applikazzjoni, l-Istati Membri għandhom jirrillaxxaw il-garanzija bin-nifs fi proporzjon għal kwantitajiet tal-prodotti li għalihom tkun ingħatat prova kif hemm referenza għaliha fl-Artikolu 31, sakemm tkun ingħatat prova li kwantità ugwali għal mill-inqas 5 % ta' dik indikata fil-liċenzja jew fiċ-ċertifikat tkun ġiet importata jew esportata.

2. Suġġett għall-applikazzjoni fl-Artikoli 39, 40 jew 47, meta l-obbligazzjoni għall-importazzjoni jew l-esportazzjoni ma tkunx ġiet sodisfatta l-garanzija għandha tintilef b'ammont ugwali għad-differenza bejn:

(a) 95 % tal-kwantità indikata fil-liċenzja jew fiċ-ċertifikat, u

(b) il-kwantità effettivament importata jew esportata.

Jekk il-liċenzja tkun maħruġa fuq il-bażi ta' kull ras, ir-riżultat tal-kalkolu ta' 95 % li hemm referenza għalih hawn fuq għandu, meta jkun applikabbli, jkun imqarreb lejn l-anqas numru sħiħ ta' kull ras.

B'dana kollu, jekk il-kwantità importata jew esportata tammonta għal mill-inqas 5 % tal-kwantità indikata fil-liċenzja jew fiċ-ċertifikat, il-garanzija kollha għandha tintilef.

Barra minn dan, jekk l-ammont totali tal-garanzija li kieku għandha tintilef tkun ta' EUR 100 jew inqas għal liċenzja jew ċertifikat partikolari, l-Istat Membru kkonċernat għandu jirrilaxxa l-garanzija kollha.

Meta l-garanzija kollha jew parti minnha tkun ġiet irrilaxxata b'mod mhux xieraq, għandha tkun ippreżentata mill-ġdid fi proporzjon għall-kwantitajiet ikkonċernati mal-korp li jkun ħareġ il-liċenzja jew iċ-ċertifikat.

▼B

B’dana kollu, struzzjoni għall-garanzija irrilaxxata li għandha tkun ippreżentata mill-ġdid tista’ tingħata biss fi żmien erba’ snin wara li tkun ġiet irrilaxxata, sakemm l-operatur jkun aġixxa f’bona fide.

3. F’dak li għandu x’jaqsam mal-liċenzji ta’ l-esportazzjoni bl-iffissar bil-quddiem tar-rifużjoni:

(a) meta l-liċenzja jew l-estratt mil-liċenzja tkun irritornata lejn il-korp tal-ħruġ fi żmien iż-żewġ terzi tal-perjodu tal-validità inizjalitagħha, l-ammont korrispondenti tal-garanzija li għandha tintilef għandu jkun imnaqqas għal 40 %. Għal dan l-għan, kull parti tal-ġurnata tgħodd bħala ġurnata sħiħa;

(b) meta l-liċenzja jew l-estratt mil-liċenzja tkun irritornata lejn il-korp tal-ħruġ fi żmien li jikkorrispondi għall-aħħar terz tal-perjodu tal-validità tagħha jew matul ix-xahar ta’ wara d-data ta’ l-iskadenza, l-ammont korrispondenti tal-garanzija li għandu jintilef għandu jkun imnaqqas b’25 %.

L-ewwel subparagrafu għandu japplika biss għal-liċenzji jew għall-estratti minnhom irritornati lejn il-korp tal-ħruġ matul is-sena tal-GATT li għaliha jkunu ġew maħruġa l-liċenzji u sakemm dawn ikunu rritornati aktar minn 30 ġurnata qabel it-tmiem ta’ dik is-sena.

L-ewwel subparagrafu għandu jgħodd għajr meta jkun temporanjament sospiż. Fejn ir-rifużjoni għall-prodott wieħed jew aktar tiżdied, il-Kummissjoni, filwaqt li taġixxi mal-proċedura riferita fl-Artikolu 1952) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jew l-Artikoli korrispondenti tar-Regolamenti l-oħra fuq l-organizzazzjoni komuni tas-swieq, tista’ tissospendi l-applikazzjoni ta’ l-ewwel subparagrafu għal-liċenzji li saret applikazzjoni għalihom qabel ma jkun hemm iż-żieda fir-rifużjoni u mhux mrodda lura lill-korp tal-ħruġ sad-data ta’ qabel iż-żieda.

Liċenzji ppreżentati taħt l-Artikolu 24 ta’ dan ir-Regolament għandhom jitqiesu li ntraddu lura lill-korp tal-ħruġ f’dik id-data fejn dan ta’ l-aħħar jirċievi applikazzjoni mid-detentur tal-liċenzja għar-rilaxx tal-ġaranzija.

4. Il-prova li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 32(1) għandha tingħata fi żmien xahrejn ta’ l-iskadenza tal-liċenzja jew taċ-ċertifikat, sa kemm dan ma jkunx impossibbli minħabba raġunijiet ta’ force majeure.

5. Prova tat-tluq mit-territorju doganali jew ta’ kunsinna lejn destinazzjoni skond it-tifsira fl- Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 800/1999 jew tat-tqegħid tal-prodotti taħt l-arranġamenti li għalihom hemm provvediment fl-Artikolu 40 ta’ dak ir-Regolament, kif hemm referenza għalih fl-Artikolu 32(2) ta’ dan ir-Regolament, għandha tingħata prova fi żmien 12-il xahar mill-iskadenza tal-liċenzja jew taċ-ċertifikat, sa kemm dan ma jkunx impossibbli minħabba raġunijiet ta’ force majeure.

▼M7

_____

▼B

8. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jneħħu l-obbligazzjoni li tkun ipprovduta l-prova li hemm referenza għaliha fil-paragrafi 4 u 5 jekk ikunu diġà fil-pussess ta' l-informazzjoni neċessarja.

9. Meta dispożizzjoni tal-Komunità tispeċifika, b'referenza għal dan il-paragrafu, li obbligazzjoni tkun ġiet sodisfatta billi tingħata prova li l-prodott ikun wasal fid-destinazzjoni speċifikata, dik il-prova għandha tingħata bi qbil ma' l-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 800/1999, jekk ma jsirx dan il-garanzija ppreżentata mal-liċenzja jew maċ-ċertifikat għandha tintilef bi proporzjon għall-kwantità kkonċernata.

Dik il-prova għandha tingħata wkoll fi żmien 12-il xahar minn mindu tiskadi l-liċenzja jew iċ-ċertifikat. B'dana kollu, meta d-dokumenti meħtieġa permezz ta' l-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 800/1999 ma jkunux jistgħu jiġu ppreżentati fiż-żmien preskritt anke jekk l-esportatur ikun aġixxa bid-diliġenza kollha meħtieġa sabiex jiksibhom fi żmien dak il-perjodu, jista' jingħata estensjoni fiż-żmien li fih ikun jista' jippreżenta dawk id-dokumenti.

10. Fil-każ ta' liċenzji ta' l-importazzjoni li dwarhom, dispożizzjoni tal-Komunità tagħmel dan il-paragrafu applikabbli, il-paragrafi 4 sa 8 minkejja, il-prova ta' l-utilizzazzjoni tal-liċenzja kif hemm referenza għaliha fl-Artikolu 32(1)(a) għandha tingħata fi żmien 45 ġurnata minn mindu tiskadi l-liċenzja, sakemm dan ma jkunx impossibbli minħabba raġunijiet ta' force majeure.

Meta l-prova ta' l-utilizzazzjoni tal-liċenzji kif speċifikata fl-Artikolu 32(1)(a) tkun ipprovduta wara l-limitu ta' żmien preskritt:

(a) meta l-liċenzja tkun intużat, waqt li tittieħed konsiderazzjoni tat-tolleranza aktar baxxa, fit-termini tal-validità, għandu jintilef 15 % ta' l-ammont totali tal-garanzija kif indikat fil-liċenzja permezz tat-tnaqqis b'rata fissa;

(b) meta l-liċenzja tkun intużat parzjalment fit-termini tal-validità, il-garanzija għandha tintilef b'ammont ugwali:

(i) għad-differenza bejn 95 % tal-kwantità indikata fil-liċenzja u l-kwantità fil-fatt importata, miżjuda bi

(ii) 15 % tal-bqija tal-garanzija wara t-tnaqqis b'rata fissa magħmul taħt il-punt (i), miżjud bi

(iii) 3 % ta' l-ammont tal-garanzija li tibqa' wara t-tnaqqis magħmul taħt il-punt (i) u (ii), għal kull ġurnata li biha jkun skada l-limitu ta' żmien sabiex tingħata prova.

▼B

SEZZJONI 5

Telf tal-liċenzji u taċ-ċertifikati

Artikolu 35

1. Dan l-Artikolu għandu japplika meta r-rifużjoni ta' l-esportazzjoni akbar minn żero jkunu ffissati bil-quddiem u l-liċenzja jew iċ-ċertifikat jew l-estratt minnhom relevanti tkun intilfet.

2. Il-korp li joħroġ il-liċenzja jew iċ-ċertifikat għandu joħroġ fuq talba tad-detentur, jew ta' min jirċievi t-trasferiment f'każi meta l-liċenzja jew iċ-ċertifikat jew l-estratt tkun ġiet trasferita, il-liċenzja jew iċ-ċertifikat sostitwit jew l-estratt sostitwit, suġġetta għat-tieni subparagrafu.

L-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri jistgħu jirrifjutaw li joħorġu liċenzja jew ċertifikat sostitut jew estratt sostituta jekk:

(a) il-karattru ta' l-applikant ma jkunx tali li jiggarantixxi li l-għanijet ta' dan l-Artikolu jkunu rrispettati; f'kull Stat Membru dan il-poter għandu jkun eżerċitat bi qbil mal-prinċipji applikabbli fil-preżent f'dak l-Istat li jirregola mingħajr diskriminazzjoni bejn applikanti u l-libertà tal-kummerċ u l-industrija;

(b) l-applikant ikun naqas milli juri li hu kien ħa l-prekawzjonijiet raġonevoli sabiex ma jħallix li jkun hemm it-telf tal-liċenzja, taċ-ċertifikat jew ta' l-estratt.

3. Rifużjonijiet stabbiliti fil-kuntest tal-proċedura tat-tfiegħ ta' offerti għandu jkun ikkunsidrat bħala rifużjoni ffissata bil-quddiem.

4. Il-liċenzja, iċ-ċertifikat sostitut jew l-estratt sostitut għandu jkun fihom l-informazzjoni u l- entrati li jidhru fuq id-dokument li jkunu qed jissostitwixxu. Għandha tinħareġ għal kwantità ta' merkanzija li, miżjuda b'marġini ta' tolleranza, tkun ugwali għall-kwantità disponibbli kif murija fid-dokument mitluf. L-applikanti għandhom jispeċifikaw dik il-kwantità bil-kitba. Meta informazzjoni miżmuma mill-korp tal-ħruġ turi li l-kwantità indikata mill-applikant tkun għolja wisq, din għandha titnaqqas bix-xieraq mingħajr preġudizzju għat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2.

Waħda mill-entrati elenkati fl-Anness III, Parti E, sottolineata bl-aħmar, ser tiddaħħal fis-sezzjoni 22 tal-liċenzji, iċ-ċertifikati jew l-estratti sostituti.

5. Meta l-liċenzja jew iċ-ċertifikat sostitut jew l-estratt sostitut jintielf, m'għandha tinħareġ l-ebda liċenzja jew ċertifikat jew estratt sostitut oħra.

6. Il-ħruġ tal-liċenzja, taċ-ċertifikat jew ta' l-estratt sostitut għandu jkun suġġett għall-preżentazzjoni ta' garanzija. L-ammont ta' din il-garanzija għandu jkun ikkalkolat billi tkun immultiplikata:

(a) ir-rata tar-rifużjoni ffissata bil-quddiem jew, meta jkun applikabbli, l-ogħla rata ta' rifużjoni għad-destinazzjonijiet koperti, miżjuda b'20 %,

(b) bil-kwantità li għaliha għandha tinħareġ il-liċenzja, iċ-ċertifikat jew l-estratt sostitut miżjuda bil-marġini tat-tolleranza.

L-ammont li bih il-garanzija tkun miżjuda m'għandux ikun inqas minn EUR 3 għal kull 100 kilogramm piż nett. Il-garanzija għandha tkun ippreżentata għand il-korp li jkun ħareġ il-liċenzja jew iċ-ċertifikat oriġinali.

▼B

7. Meta l-kwantità tal-prodotti esportati permezz tal-liċenzja jew taċ-ċertifikat u l-liċenzja jew iċ-ċertifikat sostituti, jew permezz ta' estratt u estratt sostitut, tkun akbar minn dik li kieku setgħet tkun esportata taħt il-liċenzja, iċ-ċertifikat jew l-estratt oriġinali, il-garanzija li hemm referenza għaliha f'paragrafu 6 li tikkorrispondi għall-kwantità żejda għandha tintilef, b'hekk ir-rifużjoni tkun meqjusa bħala li tkun ġiet irkuprata.

8. B'żieda ma' dan, f'każi meta jkun japplika l-paragrafu 7 u meta tkun tapplika levy ta' l-esportazzjoni dakinhar ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 23(1)(b) għall-kwantità b'eċċess, il-levy ta' l-esportazzjoni applikabbli dakinhar għandha tkun miġbura.

Il-kwantità b'eċċess:

(a) għandha tkun stabbilita bi qbil mal-paragrafu 7;

(b) għandha tkun dik dwar l-aktar dikjarazzjoni reċenti li kienet ġiet aċċettata taħt il-liċenzja jew iċ-ċertifikat oriġinali, l-estratt tal-liċenzja jew iċ-ċertifikat oriġinali, il-liċenzja jew iċ-ċertifikat sostitwiti, jew l-estratt sostitwit. F'każi meta il-kwantità ta' l-aħħar esportazzjoni tkun inqas mill-kwantità b'eċċess, l-esportazzjoni jew l-esportazzjonijiet li jippreċedu immedjatament għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni sakemm tintlaħaq il-fażi meta il-kwantità b'eċċess tkun ġiet koperta.

L-Artikolu 3(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 120/89 ([1]) m'għandux japplika għall-każi koperti b'dan il-paragrafu.

9. Sakemm il-garanzija li hemm referenza dwarha fil-paragrafu 6 ma tkunx intilfet bis-saħħa tal-paragrafu 7, din għandha tkun rilaxxata 15-il xahar wara li jiskadi l-perjodu tal-validità tal-liċenzja jew taċ-ċertifikat.

10. Meta l-liċenzja, iċ-ċertifikat jew l-estratt mitlufa jinstabu, dawn ma jistgħux jintużaw u għandhom ikunu mibgħuta lura lejn il-korp li jkun ħareġ il-liċenzja, iċ-ċertifikat jew l-estratt sostitwiti. Jekk f'tali każ il-kwantità disponibbli murija fuq il-liċenzja, iċ-ċertifikat jew l-estratt oriġinali tkun daqs jew ikbar mill-kwantità li għaliha jkunu nħarġu il-liċenzja, iċ-ċertifikat jew l-estratt sostitwiti, miżjuda bil-marġni tat-tolleranza, il-garanzija li hemm referenza għaliha fil-paragrafu 6 għandha tkun rilaxxata immedjatament.

B'dana kollu, jekk il-kwantità disponibbli tkun akbar, il-parti kkon-ċernata tista' titlob il-ħruġ ta' estratt għal kwantità, li tinkludi l-marġni tat-tolleranza, daqs il-bqija tal-kwantità disponibbli.

11. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jipprovdu lil xulxin bl-informazzjoni meħtieġa sabiex ikun applikat dan l-Artikolu.

Meta l-awtoritajiet jipprovdu din l-informazzjoni permezz ta' kopja tal-kontroll T5 kif hemm referenza dwarha fl-Artikolu 912(a) tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 u maħruġa għall-għan li tingħata prova tat-tluq mit-territorju doganali tal-Komunità, in-numru tal-liċenzja jew taċ-ċertifikat oriġinali għandu jinkiteb fis-Sezzjoni 105 tal-kopja ta' kontroll T5. Meta estratt minn liċenzja jew minn ċertifikat, il-liċenzja jew iċ-ċertifikat sostitwit, jew l-estratt sostitwita tkun użata, in-numru tal-liċenzja jew taċ-ċertifikat oriġinali għandu jinkiteb fis-Sezzjoni 106 tal-kopja ta' kontroll T5.

([1]) ĠU L 16, 20.1.1989, p. 19.

▼B

Artikolu 36

1. Bl-eċċezzjoni tal-każi li hemm referenza dwarhom fil-paragrafu 2, l-awtorità kompetenti għandha tiċħad li toħroġ il-liċenzja jew iċ-ċertifikat sostitwit jew estratt sostitwit meta l-ħruġ tal-liċenzji jew taċ-ċertifikati għall-prodott in kwistjoni jkun sospiż jew meta l-ħruġ tal-liċenzji jew taċ-ċertifikati jkun magħmul fil-qafas ta' kwota kwantit-attiva.

2. Meta d-detentur jew minn jirċievi t-trasferiment tal-liċenzja ta' l-importazzjoni jew ta' l-esportazzjoni jew taċ-ċertifikat ta' l-iffissar bil-quddiem ikun jista' jagħti prova għas-sodisfazzjon ta' l-awtorità kompetenti kemm li l-liċenzja jew iċ-ċertifikat jew l-estratt minnhom ma jkunux intużaw kollha kemm huma jew parti minnhom u li ma jistgħux jerġgħu jkunu wżati, partikolarment minħabba li kienu ġew meqruda kollha kemm huma jew parti minnhom, il-korp li jkun ħareġ il-liċenzja jew iċ-ċertifikat oriġinali għandu joħroġ liċenzja jew ċertifikat jew estratt sostitwit għal kwantità ta' merkanzija, inkluż il-marġni tat-tolleranza meta jkun neċessarju, daqs il-bqija tal-kwantità disponibbli. F'dan il-każ għandha tapplika l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 35(4).

▼M2

Artikolu 37

Meta jinħarġu liċenzji ta' sostituzzjoni, ċertifikati jew estratti, l-Istati Membri għandhom minnufih jinnotifikaw lill-Kummisjoni bi:

(a) in-numru tas-serje tal-liċenzji ta' sostituzzjoni, ċertifikati jew estratti maħruġa u n-numru tas-serje tal-liċenzji sostitwiti, ċertifikati jewq estrattii skont l-Artikoli 35 u 36;

(b) in-natura u l-kwantità tal-merkanzija kkonċernata u r-rata tar-rifużjoni tal-esportazzjoni jew tal-levy tal-esportazzjoni ffissata bil-quddiem.

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħrajn b'dan.

▼B

Artikolu 38

1. Meta l-liċenzja jew iċ-ċertifikat jew l-estratt minnhom tkun mitlufa, u d-dokument mitluf li jkun ġie użat kollu kemm hu jew parti minnu, il-korpi tal-ħruġ jistgħu, bħala eċċezzjoni, jipprovdu lill-parti kkonċernata b'dupplikat tiegħu, imħejji u awtorizzat bl-istess mod tad-dokument oriġinali u mmarkat b'mod ċar "dupplikat" fuq kull kopja.

2. Id-dupplikati ma jistgħux jintużaw sabiex iwettqu operazzjonijiet ta' l-importazzjoni jew ta' l-esportazzjoni.

3. Id-dupplikati għandhom ikunu ppreżentati lill-uffiċċji fejn tkun ġiet aċċettata d-dikjarazzjoni li hemm referenza dwarha fl-Artikolu 23 permezz tal-liċenzja, taċ-ċertifikat jew ta' l-estratt mitluf, jew lil awtorità kompetenti oħra maħtura mill-Istat Membru ta' fejn ikunu jinsabu l-uffiċċji.

4. L-awtorità kompetenti għandha tagħmel l-entrati fid-dupplikati u tawtorizzahom.

5. Id-dupplikati, b'hekk annotati, għandhom jieħdu post tal-kopja Nru 1 mitlufa tal-liċenzja, taċ-ċertifikat jew ta' l-estratt biex tingħata prova għal dan l-għan jew sabiex tkun rilaxxata l-garanzija.

▼B

SEZZJONI 6

Force majeure

Artikolu 39

1. Meta, minħabba xi avveniment li l-operatur iqis li jkun jikkostitwixxi force majeure, l-importazzjoni jew l-esportazzjoni ma jkunux jistgħu jseħħu matul il-perjodu tal-validità tal-liċenzja jew taċ-ċertifikat, id-detentur titolari għandu japplika għand il-korp kompetenti ta' l-Istat Membru tal-ħruġ jew sabiex il-perjodu tal-validità tal-liċenzja jew taċ-ċertifikat ikun imtawwal jew sabiex il-liċenzja jew iċ-ċertifikat ikunu kkanċellati. L-operaturi għandhom jagħtu prova taċ-ċirkostanza li huma jqisu li tikkostitwixxi force majeure fi żmien sitt xhur minn meta jiskadi l-perjodu tal-validità tal-liċenzja jew iċ-ċertifikat.

Meta ma jkunux jistgħu jagħtu prova f'dak il-limitu ta' żmien minkejja li jkunu ħadmu bid-diliġenza kollha meħtieġa sabiex jiksbuha u jgħadduha, jistgħu jingħataw aktar żmien.

2. Talbiet sabiex il-perjodu tal-validità tal-liċenzja jew taċ-ċertifikat ikun estiż għal aktar minn 30 ġurnata minn meta jiskadi tali perjodu tal-validità għandhom ikunu miċħuda.

3. Meta ċ-ċirkostanzi li wieħed jista' jorbot fuqhom li jikkostitwixxu force majeure jkollhom x'jaqsmu mal-pajjiż esportatur u/jew mal-pajjiż ta' l-oriġini, fil-każ ta' l-importazzjoni, jew mal-pajjiż importatur, fil-każ ta' l-esportazzjonijiet, tali ċirkostanzi jistgħu jkunu aċċettati bħala tali biss jekk il-korp tal-ħruġ jew xi aġenzija uffiċjali oħra fl-istess Stat Membru kienet ġiet innotifikata bil-pajjiżi kkonċernati f'ħin tajjeb u bil-kitba.

In-notifika tal-pajjiż esportatur, tal-pajjiż ta' l-oriġini jew tal-pajjiż importatur għandha tkun ikkonsidrata bħala li saret f'ħin tajjeb jekk iċ-ċirkostanzi, ta' min jorbot fuqhom, li jikkostitwixxu force majeure, ma setgħux ikunu mbassra mill-applikant fiż-żmien tan-notifika.

4. Il-korp kompetenti li hemm referenza dwaru fil-paragrafu 1 għandu jiddeċiedi jekk iċ-ċirkostanzi wżati jikkostitwixxux force majeure.

Artikolu 40

1. Meta ċ-ċirkostanzi wżati jikkostitwixxu force majeure, il-korp kompetenti ta' l-Istat Membru minn fejn kienet inħarġet il-liċenzja jew iċ-ċertifikat għandu jiddeċiedi, jew jekk l-obbligazzjoni ta' l-importazzjoni jew l-esportazzjoni tkunx ikkanċellata u l-garanzija rrilaxxata, jew jekk il-perjodu tal-validità tal-liċenzja jew taċ-ċertifikat għandux ikun estiż għal tali perjodu li jkun ikkunsidrat neċessarju minħabba ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Tali estenzjoni m'għandhiex teċċedi sitt xhur minn wara li jiskadi l-perjodu oriġinali tal-validità tal-liċenzja jew taċ-ċertifikat.

2. Id-deċiżjoni meħuda mill-korp kompetenti tista' tkun differenti mid-deċiżjoni mitluba mid-detentur titolari tal-liċenzja jew taċ-ċertifikat.

Meta d-detentur titolari jitlob il-kanċellazzjoni tal-liċenzja li tinvolvi l-iffissar bil-quddiem, anki jekk din it-talba tkun ġiet ippreżentata aktar minn 30 ġurnata wara li jkun skada l-perjodu tal-validità tal-liċenzja, il-korp kompetenti jista' jtawwal dak il-perjodu ta' validità jekk ir-rata ffissata bil-quddiem miżjuda b'kull aġġustamenti tkun inqas mir-rata kurrenti fil-każ ta' l-ammonti li għandhom jitħallsu jew aktar mir-rata kurrenti fil-każ ta' l-ammonti li għandhom ikunu miġbura.

▼B

3. Id-deċiżjoni jekk għandhiex tkun ikkanċellata jew estiża l-liċenzja għandha jkollha x'taqsam biss mal-kwantità tal-prodott li ma setgħax ikun importat jew esportat minħabba force majeure.

4. Meta l-perjodu tal-validità tal-liċenzja jkun estiż, il-korp tal-ħruġ għandu jawtorizza l-liċenzja u l-estratti tagħha u għandu jagħmel l-aġġustamenti neċessarji dwarha.

5. Minkejja l-Artikolu 8(1), meta l-perjodu tal-validità tal-liċenzja li tinvolvi ffissar bil-quddiem jkun estiż, id-drittijiet li ġejjin minn dik il-liċenzja m'għandhomx ikunu trasferibbli. B'dana kollu, meta ċ-ċirkostanzi tal-każ in kwistjoni hekk ikunu jeħtieġu, tali trasferiment għandu jkun awtorizzat meta mitlub fl-istess ħin ta' l-estenzjoni.

▼M2

6. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-każ ta' forza maġġuri li jkunu għarfu, billi jipprovdu l-informazzjoni li ġejja: in-natura tal-prodott ikkonċernat bil-kodiċi tan-NM tiegħu, l-operazzjoni (importazzjoni jew esportazzjoni), il-kwantitajiet involuti u, skont il-każ, il-kanċellazzjoni tal-liċenzja jew l-estensjoni tal-perjodu tal-validità tal-liċenzja bl-indikazzjoni tat-terminu tal-validità.

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħrajn b'dan.

▼B

Artikolu 41

1. Fejn, wara każ ta' force majeure, operatur ikun applika sabiex il-perijodu tal-validita' ta' liċenzja li tinvolvi l-iffissar bil-quddiem tal-levy fuq l-esportazzjoni jew tar-rifużjoni ta' l-esportazzjoni jkun estiż u l-korp kompetenti jkun għadu ma ħax deċiżjoni fuq tali applikazzjoni, l-operatur jista' japplika lill-korp għat-tieni liċenzja. It-tieni liċenzja għandha tinħareġ skond it-termini li japplikaw fiż-żmien ta' l-applikazzjoni, ħlief li:

(a) għandha tinħareġ għal mhux aktar mill-kwantita' fuq l-ewwel liċenzja li ma ntuzatx li għaliha saret l-applikazzjoni għall-estensjoni;

(b) is-Sezzjoni 20 tagħha għandu jkun fiha waħda mill-entrati elenkati fl-Anness III, Parti F.

2. Meta l-korp kompetenti jiddeċiedi li jtawwal il-perjodu tal-validità ta' l-ewwel liċenzja:

(a) il-kwantità li dwarha kienet użata t-tieni liċenzja għandha tkun miktuba fuq l-ewwel liċenzja sakemm:

(i) l-operatur li hu ntitolat li juża l-ewwel liċenzja jkun għamel użu mit-tieni liċenzja b'dan il-mod, u

(ii) tali użu jkun sar matul il-perjodu tal-validità estiż;

(b) il-garanzija għat-tieni liċenzja li jkollha x'taqsam mal-kwantità msemmija fil-punt (a) għandha tkun rilaxxata;

(ċ) meta jkun applikabbli, il-korp li jkun ħareġ il-liċenzji għandu jinforma lill-korp kompetenti ta' l-Istat Membru meta t-tieni liċenzja kienet intużat sabiex l-ammont miġbur jew imħallas ikun jista' jiġi kkorreġut.

3. Meta l-korp kompetenti jikkonkludi li ma kien hemm l-ebda każ ta' force majeure jew meta jiddeċiedi, permezz ta' l-Artikolu 40, li l-ewwel liċenzja għandha tkun ikkanċellata, allura d-drittijiet u l-obbligazzjonijiet li jkunu ġejjin mit-tieni liċenzja għandhom jinżammu.

▼B

KAPITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI

Artikolu 42

1. Il-prodotti li huma suġġetti għal sistema ta' liċenzji ta' l-esportazzjoni jew li jikkwalifikaw għal sistema ta' l-iffissar bil-quddiem ta' rifużjoni jew ta' l-ammonti l-oħra applikabbli fuq l-esportazzjonijiet jistgħu jikkwalifikaw għal trattament bħala merkanzija rritornata permezz tat-Titolu VI, il-Kapitolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 biss jekk kien hemm konformità mad-disposizzjonijiet segwenti:

(a) jekk l-esportazzjoni tkun saret mingħajr liċenzja ta' l-esportazzjoni jew ċertifikat ta' l-iffissar bil-quddiem, għaldaqstant jekk tintuża l-folja ta' informazzjoni INF3 kif previst fl-Artikolu 850 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 għandha jkollha fis-sezzjoni A waħda mill-entrati elenkati fl-Anness III, Parti G ta' dan ir-Regolament.

(b) jekk tkun saret esportazzjoni koperta minn liċenzja ta' l-esportazzjoni jew b'ċertifikat ta' l-iffissar bil-quddiem, l-Artikolu 43 għandu japplika.

2. Jekk il-merkanzija mibgħuta lura tkun impurtata mill-ġdid:

(a) permezz ta' uffiċċju doganali fi Stat Membru apparti milli l-Istat Membru li jesporta, għandha tingħata prova li l-Artikolu 43(1)(a) jew (b) ikun hemm konformità magħhom u tkun fornuta permezz tal-folji ta' l-informazzjoni INF 3 li dwarha hemm provvediment fl-Artikolu 850 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93;

(b) permezz ta' l-uffiċċju doganali li jkun jinsab fl-istess Stat Membru, għandha tingħata prova li d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1(a) jew ta' l-Artikolu 43(1)(a) jew (b) ikun hemm konformità magħhom bi qbil mal-proċedura stabbilita mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru in kwistjoni.

3. Il-paragrafu 1(a) m'għandux japplika fil-każi li dwarhom hemm provvediment fl-Artikolu 844(2)(b) tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

Artikolu 43

1. Meta l-obbligazzjonijiet għall-esportazzjoni ma jkunx hemm konformità magħhom, fil-każi li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 42, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri segwenti:

(a) jekk tkun saret l-esportazzjoni koperta minn liċenzja ta' l-esportazzjoni jew iċ-ċertifikat ta' l-iffissar bil-quddiem u tali liċenzja jew ċertifikat ma jkunx skada fid-data li fiha l-parti konċernata tiddikjara l-intenzjoni tagħha li tagħmel użu mid-dispożizzjonijiet rigward il-merkanzija mibgħuta lura fl-Artikolu 42:

(i) l-entrata fuq il-liċenzja jew fuq iċ-ċertifikat dwar l-esportazzjoni in kwistjoni għandha tkun ikkanċellata,

(ii) il-garanzija li jkollha x'taqsam mal-liċenzja jew maċ-ċertifikat m'għandhiex tkun rilaxxata f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-esportazzjoni in kwistjoni jew, jekk tkun ġiet rilaxxata, għandha tkun fornuta mill-ġdid fi proporzjon għall-kwantitajiet ikkonċernati lill-korp li jkun ħareġ il-liċenzja jew iċ-ċertifikat, u

(iii) il-liċenzja ta' l-esportazzjoni jew iċ-ċertifikat ta' l-iffissar bil-quddiem għandha tintbagħat lura lid-dententur titolari;

▼B

(b) jekk tkun saret l-esportazzjoni koperta minn liċenzja ta' l-esportazzjoni jew minn ċertifikat ta' l-iffissar bil-quddiem u l-liċenzja jew ċ-ċertifikat ikunu skadew fid-data li fiha l-parti kkonċernata tiddikjara l-intenzjoni tagħha li tagħmel użu mid-dispożizzjonijiet dwar il- merkanzija mibgħuta lura fl-Artikolu 42, allura:

(i) meta l-garanzija li għandha x'taqsam mal-liċenzja jew maċ-ċertifikat ma tkunx ġiet rilaxxata f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-esportazzjoni in kwistjoni, il-garanzija għandha tintilef, suġġetta għar-regoli applikabbli fil-każ partikolari,

(ii) meta l-garanzija tkun ġiet rilaxxata, id-detentur titolari tal-liċenzja jew taċ-ċertifikat għandu jipprovdi lill-korp li jkun ħareġ il-liċenzja jew iċ-ċertifikat b'garanzija ġdida f'dak li għandu x'jaqsam mal-kwantitajiet in kwistjoni, u dik il-garanzija għandha tintilef, suġġetta għar-regoli applikabbli fil-każ partikolari.

2. Il-paragrafu 1(a) u (b) m'għandux japplika jekk il-merkanzija tkun giet mibgħuta lura minħabba force majeure, jew fil-każi li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 844(2)(b) tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

Artikolu 44

1. Meta l-garanzija li għandha x'taqsam mal-liċenzja jew maċ-ċertifikat użata għall-esportazzjoni ta' prodotti li kienu ġew importati mill-ġdid taħt is-sistema tal-merkanzija mibgħuta lura għandha tintilef bi qbil ma' l-Artikolu 43, dik il-garanzija għandha tkun rilaxxata fuq it-talbiet tal-partijiet ikkonċernati jekk l-importazzjoni mill-ġdid tkun segwita mill-esportazzjoni ta' prodotti ekwivalenti li jaqgħu taħt l-istess sottotitolu tan-Nomenklatura Magħquda.

2. L-operazzjoni ta' l-esportazzjoni:

(a) għandha tkun waħda li dwarha d-dikjarazzjoni kienet ġiet aċċettata:

(i) fi żmien mhux aktar minn 20 ġurnata wara d-data ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' l-importazzjoni mill-ġdid għall-merkanzija mibgħuta lura, u

(ii) permezz ta' liċenzja ġdida ta' l-esportazzjoni jekk il-liċenzja ta' l-esportazzjoni inizjali tkun skadiet sad-data ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni għall-prodotti ekwivalenti;

(b) għandha tikkonċerna prodotti:

(i) ta' l-istess kwalità, u

(ii) indirizzati lil min għandu jirċievi l-kunsinna indikat għall-kunsinni ta' l-esportazzjoni oriġinali, minbarra fil-każi li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 844(2)(ċ) jew (d) tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

L-esportatur għandu jipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa dwar il-karratteristiċi u ddestinazzjoni tal-prodott għas-sodisfazzjoni ta' l-uffiċċju doganali ta' l-esportazzjoni

3. Il-garanzija għandha tkun rilaxxata meta tingħata prova lill-korp li jkun ħareġ il-liċenzja jew iċ-ċertifikat li l-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu jkunu ġew imwettqa. Tali prova għandha tikkonsisti fid-dokumenti segwenti:

(a) id-dikjarazzjoni għall-esportazzjonu tal-prodotti ekwivalenti jew kopja jew fotokopja tagħha ċċertifikata bħala tali mill-awtorità kompetenti u li jkun fiha waħda mill-entrati elenkati fl-Anness III, parti Ħ; l-entrata għandha tiġi awtentikata permezz tat-timbru ta' l-uffiċċju doganali kkonċernat, applikat direttament lid-dokument in kwistjoni;

▼B

(b) dokument li jiċċertifika li l-prodotti jkunu ħarġu mit-territorju doganali tal-Komunità fi żmien 60 ġurnata mill-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni doganali, minbarra f'każ ta' force majeure.

Artikolu 45

1. Għall-għanijet ta' l-Artikolu 896 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93, konferma li ttieħdu miżuri li jneħħu xi effetti tat-tqegħid tal-merkanzija f'ċirkolazzjoni ħielsa għandha tingħata mill-awtorità li tkun ħarġet il-liċenzja jew iċ-ċertifikat, suġġetta għall-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.

L-importatur għandu jinforma lill-awtorità li tkun ħarġet il-liċenzja jew iċ-ċertifikat:

(a) l-isem u l-indirizz ta' l-awtorità doganali għat-teħidtad-deċiżjonijiet li hemm referenza dwarha fl-Artikolu 877(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 li għandha tintbagħtilha l-konferma;

(b) il-kwantità u n-natura tal-prodotti in kwistjoni, id-data ta' l-importazzjoni u n-numru tal-liċenzja jew taċ-ċertifikat ikkonċernat.

Jekk il-liċenzja jew iċ-ċertifikat ma tkunx ġiet mibgħuta lura lejn l-awtorità tal-ħruġ, l-importatur għandu jippreżentaha lil dik l-awtorità.

Qabel ma tibgħat il-konferma li hemm referenza dwarha fl-ewwel subparagrafu, l-awtorità li tkun ħarġet il-liċenzja jew iċ-ċertifikat għandha tassigura li:

(a) l-garanzija li tkopri l-kwantitajiet in kwistjoni ma ġietx u mhux sejra tkun rilaxxata, jew

(b) jekk il-garanzija ġiet rilaxxata, ġiet ippreżentata mill-ġdid għall-kwantitajiet in kwistjoni.

B'dana kollu, m'għandux ikun hemm bżonn li terġa' tkun ippreżentata l-garanzija għal kwantitajiet b'eċċess tal-kwantità li fuqha l-obbligazzjoni għall-importazzjoni tkun meqjusa li tkun ġiet sodisfatta.

Il-liċenzja jew iċ-ċertifikat għandha tkun mibgħuta lura lill-parti kkonċernata.

2. Jekk il-ħlas lura jew it-tneħħija tad-dazji ta' l-importazzjoni jkunu miċħuda, l-awtorità doganali għat-teħid tad-deċiżjonijiet għandha hekk tinforma lill-awtorità li tkun ħarġet il-liċenzja jew iċ-ċertifikat. Il-garanzija li tkopri l-kwantità in kwistjoni għandha tkun rilaxxata.

3. Jekk il-ħlas lura jew tneħħija tad-dazji jkunu mogħtija, l-entrata fuq il-liċenzja jew iċ-ċertifikat għall-kwantità in kwistjoni għandha tkun ikkanċellata, anki jekk il-liċenzja jew iċ-ċertifikat ma jkunux aktar validi. Il-parti interessata għandha tibgħat lura l-liċenzja jew iċ-ċertifikat lejn il-korp tal-ħruġ malli ma tkunx aktar valida. Il-garanzija għall-kwantità in kwistjoni għandha tintilef suġġetta għar-regoli applikabbli għal każ in kwistjoni.

4. Il-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx japplikaw meta:

(a) minħabba raġunijet ta' force majeure l-prodotti għandhom ikunu esportati mill-ġdid, meqruda jew imqiegħda f'imħażen doganali jew f'żona ħielsa, jew

(b) il-prodotti jkunu fis-sitwazzjoni msemmija fit-tieni subinċiż ta' l-Artikolu 900(1)(n) tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93, jew

(ċ) il-liċenzja jew iċ-ċertifikat li fuqhom tkun ġiet miktuba l-kwantità importata tkun għadha ma ġietx mibgħuta lura lejn il-parti kkonċernata meta l-applikazzjoni għal ħlas lura jew għat-tneħħija tad-dazji tkun ippreżentata.

▼B

5. L-ewwel sentenza tal-paragrafu 3:

(a) m'għandhiex tapplika fil-każ li hemm referenza għalih fil-paragrafu 4(b);

(b) għandha tapplika biss fuq it-talba tal-parti kkonċernata fil-każ li hemm referenza għalih fil-paragrafu 4(a).

Artikolu 46

1. Meta l-effetti tat-tqegħid ta' merkanzija f'ċirkolazzjoni ħielsa jkunu tneħħew u l-garanzija għall-liċenzja jew għaċ-ċertifikat tintilef permezz ta' l-Artikolu 45, il-garanzija għandha tkun rilaxxata fuq it-talba tal-parti kkonċernata jekk il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jkunu ġew imwettqa.

2. Il-parti kkonċernata għandha tagħti prova għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet kompetenti li, fi żmien xahrejn mid-data ta' l-importazzjoni inizjali, l-istess kwantità ta' prodotti ekwivalenti li jaqgħu taħt l-istess sottotitolu tan-Nomenklatura Magħquda tkun ġiet importata mill-istess pajjiż esportatur u mill-istess fornitur sabiex tieħu post il-prodotti li dwarhom kien ġie applikat l-Artikolu 238 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

Artikolu 47

1. Dan l-Artikolu għandu japplika għal ċertifikati li jiffissaw ir-rifużjoni bil-quddiem ta' l-esportazzjoni li tkun saret applikazzjoni dwarha b'konnessjoni ma' stedina għall-offerti maħruġa f'pajjiż terz importatur.

L-espressjoni "stedina għall-offerta" għandha tiftiehem li tfisser stedina miftuħa maħruġa mill-aġenziji pubbliċi f'pajjiżi terzi, jew minn korpji internazzjonali rregolati b'liġi pubblika, biex jissottomettu offerti sa ċerta data li fuqhom għandha tittieħed deċiżjoni minn dawk l-aġenziji jew korpi.

Għall-għanijiet ta' dan l-Artikolu, il-forzi armati li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 36(1)(ċ) tar-Regolament (KE) Nru 800/1999 għandhom jitqiesu bħala pajjiż importatur.

2. L-esportaturi li jkunu ppreżentaw jew li jixtiequ li jippreżentaw offerta bi tweġiba għal stedina għall-offerti kif hemm referenza dwar dan fil-paragrafu 1 jistgħu, sakemm il-kondizzjonijiet speċifikati fil-paragrafu 3 ikunu sodisfatti, japplikaw għal ċertifikat wieħed jew aktar, li għandu jinħareġ suġġett għall-kundizzjoni li huma jkunu mogħtija l-kuntratt.

3. Dan l-Artikolu għandu japplika biss jekk ta' l-inqas id-dettalji segwenti jkunu speċifikati fl-istedina għall-offerta:

(a) il-pajjiż terz importatur u l-aġenzija li toħroġ l-istedina għall-offerta;

(b) id-data ta' l-egħluq għall-preżentazzjoni ta' l-offerti;

(ċ) il-kwantità speċifika ta' prodotti koperti mill-istedina għall-offerti.

Il-parti kkonċernata għandha tikkomunika dawn id-dettalji lill-korp tal-ħruġ meta ssir l-applikazzjoni għaċ-ċertifikat.

L-applikazzjoni għal ċertifikat ma tistax tkun ippreżentata aktar minn 15-il ġurnata qabel id-data ta' l-egħluq għall-preżentazzjoni ta' l-offerti imma għandha tkun ippreżentata l-aktar tard sas-1p.m. ta' dik id-data ta' l-egħluq.

▼B

Il-kwantità li dwarha tkun saret l-applikazzjoni għal ċertifikat jew għal ċertifikati ma tistax teċċedi l-kwantità stabbilita fl-istedina għall-offerti. M'għandhom jitqiesu l-ebda tolleranzi jew għażliet li dwarhom ikun hemm provvediment fl-istedina għall-offerti.

L-Istati Membri għandhom jinformaw immedjatament lill-Kummissjoni bid-dettalji li hemm referenza dwarhom fl-ewwel subparagarfu.

4. Minkejja l-Artikolu 14(2) m'hemmx għalfejn li tkun ippreżentata l-garanzija meta ssir l-applikazzjoni għal-liċenzja jew għaċ-ċertifikat.

5. Fi żmien 21 ġurnata mid-data ta' l-egħluq tal-preżentazzjoni ta' l-offerti, minbarra fil-każ ta' force majeure, l-applikant għandu jinforma lill-korp tal-ħruġ b'ittra jew b'telekomunikazzjoni bil-miktub, li għandha tasal għand il-korp tal-ħruġ sa mhux aktar tard mid-data ta' meta jiskadi l-limitu ta' żmien ta' 21 ġurnata, jew:

(a) li hu stess rebaħ kuntratt;

(b) li hu ma rebaħx kuntratt;

(ċ) li hu ma ppreżentax offerta;

(d) li hu ma huwiex f'posizzjoni li jkun jaf l-eżitu ta' l-istedina għall-offerti fil-limitu ta' żmien stabbilit għal raġunijet li ma jistgħux ikunu attribwiti lilu.

6. M'għandhomx ikunu aċċettati applikazzjonijiet għal ċertifikati meta, matul il-perjodu tal-ħruġ li għalih huma suġġetti l-applikazzjonijiet għal ċertifikati dwar ċerti prodotti, tkun ittieħdet miżura speċjali li ma tippermettix il-ħruġ ta' ċertifikati.

L-ebda miżura meħuda wara li jiskadi l-perjodu msemmi ma tkun tista' twaqqaf il-ħruġ ta' ċertifikat wieħed jew aktar maħruġa f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-istedina għall-offerti f'dak il-każ meta l-applikant ikun wettaq il-kondizzjonijiet segwenti:

(a) l-informazzjoni li hemm referenza dwarha fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3 tkun mogħtija b'xhieda bid-dokumenti xierqa;

(b) tingħata prova li l-applikant kien ġie mogħti l-kuntratt;

(ċ) tkun ippreżentata l-garanzija meħtieġa għall-ħruġ taċ-ċertifikat; u

(d) il-kuntratt ikun ippreżentat; jew

(e) meta n-nuqqas tal-kuntratt ikun iġġustifikat, id-dokumentazzjoni tkun ippreżentata li tagħti xhieda li l-obbligazzjonijiet li daħlet għalihom mal-parti jew il-partijiet l-oħra kuntrattwanti, inkluża l-konferma mill-bank tiegħu jew tagħhom tal-ftuħ ta' l-ittra rrevokabbli ta' kredtu mill-istituzzjoni finanzjarja tax-xejjer dwar il- kunsinna miftehma.

Iċ-ċertifikat jew iċ-ċertifikati għandhom jinħarġu biss għall-pajjiż li hemm refernza dwaru f'punt (a) ta' l-ewwel subparagarfu tal-paragrafu 3. L-istedina għall-offerta għandha tissemma' hemmhekk.

Il-kwantità totali li dwarha jinħareġ iċ-ċertifikat jew iċ-ċertifikati għandha tkun il-kwantità totali li dwarha l-applikant ikun ġie mogħti l-kuntratt u li jkun ippreżenta l-kuntratt jew id-dokumentazzjoni li hemm referenza dwarhom f' punt (e) tat-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu; din il-kwantità m'għandhiex teċċedi l-kwantità li dwarha tkun saret l-applikazzjoni.

Apparti minn hekk, meta issir applikazzjoni għal diversi ċertifikati, il-kwantità li dwarha ċ-ċertifikat jew iċ-ċertifikati jkunu maħruġa m'għandhiex teċċedi l-kwantità inizjali mitluba għal kull ċertifikat.

▼B

Għall-għanijet li jkun iddeterminat il-perjodu tal-validità taċ-ċertifikat, l-Artikolu 22(1) għandu japplika.

L-ebda ċertifikat ma jista' jinħareġ għal kwantità li dwarha l-applikant ma kienx ġie mogħti kuntratt jew li jkun naqas milli jkun konformi ma' kull waħda mill-kondizzjonijiet speċifikati f' punti (a), (b), (ċ), (d) jew (a), (b), (ċ), (e) tat-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

Id-detentur taċ-ċertifikat jew taċ-ċertifikati għandu jinżamm primarjament responsabbli għall-ħlas lura ta' kull rifużjoni mħallas b'mod mhux korrett meta jkun stabbilit li ċ-ċertifikat jew iċ-ċertifikati kien jew kienu maħruġa fuq il-bażi ta' kuntratt jew obbligazzjoni, speċifikata f' punt (e) tat-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu, li ma tikkorrispondix għall-istedina għall-offerta miftuħa mill-pajjiż terz.

7. Fil-każi li hemm referenza dwarhom fil-paragrafu 5(b), (ċ) u (d), l-ebda ċertifikat m'għandu jkun maħruġ b'rabta ma' l-applikazzjoni li hemm referenza dwarha fil-paragrafu 3.

8. Meta l-applikant għal ċertifikat jonqos milli jkun konformi mal-paragrafu 5, m'għandu jinħareġ l-ebda ċertifikat.

B'dana kollu, meta l-applikant jagħti prova lill-korp tal-ħruġ li d-data ta' l-għeluq għas-sottomissjoni ta' l-offerti kienet ġiet diferita:

(a) b'mhux aktar minn 10 ijiem, l-applikazzjoni għandha tibqa' valida u l-perjodu ta' 21 ġurnata sabiex ikunu nnotifikati d-dettalji speċifikati fil-paragrafu 5 għandu jibda jgħodd b'effett mid-data l-ġdida ta' l-għeluq għas-sottomissjoni ta' l-offerti;

(b) b'aktar minn 10 ijiem, l-applikazzjoni m'għandhiex tibqa' valida.

9. Il-kondizzjonijiet li ġejjin għandhom jgħoddu għar-rilaxx tal-garanzija:

(a) Jekk dak li rnexxielu jirbaħ l-offerta juri għas-sodisfazzjon ta' l-awtorità kompetenti li l-aġenzija li tkun ħarġet l-istedina għall-offerta tkun ikkanċellat il-kuntratt għal raġunijiet li ma jkunux attribwiti lejn dak li jkun irnexxielu jirbaħ l-offerta u li ma jkunux jitqiesu li jikkostitwixxu force majeure, l-awtorità kompetenti għandha tirrilaxxa l-garanzija fil-każi meta r-rata tar-rifużjoni ffissata bil-quddiem tkun akbar jew daqs ir-rata tar-rifużjoni valida fl-aħħar ġurnata tal-validità taċ-ċertifikat.

(b) Jekk dak li rnexxielu jirbaħ l-offerta juri għas-sodisfazzjon ta' l-awtorità kompetenti li l-aġenzija li tkun ħarġet l-istedina għall-offerta tkun obbligatu li jaċċetta tibdil fil-kuntratt għal raġunijet li ma jkunux attribwiti lilu u li ma jkunux jitqiesu li jikkostitwixxu force majeure, l-awtorità kompetenti tista':

— meta ir-rata tar-rifużjoni ffissata bil-quddiem tkun akbar jew daqs ir-rata tar-rifużjoni valida fl-aħħar jiem tal-validità taċ-ċertifikat, tirrilaxxa l-garanzija għall-bilanċ tal-kwantità li tkun għadha ma ġietx esportata,

— meta r-rata tar-rifużjoni ffissata bil-quddiem tkun anqas jew daqs ir-rata tar-rifużjoni valida fl-aħħar ġurnata tal-validità taċ-ċertifikat, ittawwal il-validità taċ-ċertifikat bil-perjodu meħtieġ.

B'dana kollu, meta r-regoli speċjali jirregolaw ċerti prodotti sakemm il-perjodu tal-validità taċ-ċertifikat maħruġ permezz ta' dan l-Artikolu ma jeċċedix il-perjodu normali tal-validità ta' dak iċ-ċertifikat u dak li rnexxielu jirbaħ l-offerta jsib ruħu f'sitwazzjoni li hemm referenza dwarha fl-ewwel inċiż ta' l-ewwel subparagrafu, il-korp tal-ħruġ jista' jestendi l-perjodu tal-validità taċ-ċertifikat sakemm ma jeċċedix il-perjodu massimu tal-validità permissibbli b'dawk ir-regoli.

▼B

(ċ) Jekk dak li rnexxielu jirbaħ l-offerta jagħti prova li l-istedina għall-offerta jew għall-kuntratt konkluż wara li jkun ingħata l-kuntratt għal tolleranza ‘l isfel jew għażla ta’ aktar minn 5 % u li l-aġenzija li tkun ħarġet l-istedina għall-offerti tinvoka l-klawżola relevanti, l-obbligazzjoni għall-esportazzjoni għandha tkun meqjusa li tkun ġiet sodisfatta meta l-kwantità esportata ma tkunx aktar minn 10 % inqas mill-kwantità li dwarha jkun inħareġ iċ-ċertifikat, bil-kondizzjoni li r-rata tar-rifużjoni ffissata bil-quddiem tkun aktar minn jew daqs ir-rata tar-rifużjoni valida fl-aħħar ġurnata tal-validità taċ-ċertifikat. F’tali każi r-rata ta’ 95 % li hemm referenza dwarha fl-Artikolu 34(2) għandha tkun mibdula bi 90 %.

(d) Meta jkun hemm tqabbil bejn ir-rata ta’ rifużjoni ffissata bil-quddiem ma’ dik tar-rifużjoni validi fl-aħħar ġurnata tal-validità taċ-ċertifikat, għandu jittieħed kont, meta jkun applikabbli, ta’ l-ammonti l-oħra li dwarhom hemm provvediment permezz tar-regoli tal-Komunità.

10. F’każi speċjali, eċċezzjonijiet għar-regoli stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 9 jistgħu jkunu stabbiliti bħala segwitu tal-proċedura msemmija fl-Artikolu 195(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jew, kif xieraq, fl-Artikoli korrispondenti tar-Regolamenti l-oħra dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq.

Artikolu 48

1. Meta importazzjonijiet ta’ prodott tkun suġġetta għal preżentazzjoni tal-liċenzja ta’ l-importazzjoni u meta dik il-liċenzja sservi wkoll biex tistabbilixxi l-eliġibilità permezz ta’ l-arranġament preferenzjali, il-kwantitajiet importati f’dik it-tolleranza b’eċċess tal-kwantità murija fuq il-liċenzja ta’ l-importazzjoni m’għandhiex tikkwalifika permezz ta’ l-arranġamenti preferenzjali.

Ħlief f'każi fejn ir-Regolament f'setturi partikolari jeħtieġu kliem speċjali, is-sezzjoni 24 tal-liċenzja jew iċ-ċertifikat għandhom jindikaw waħda mill-entrati elenkati fl-Anness III, Parti I.

2. Meta l-liċenzji kif hemm referenza dwarhom fil-paragrafu 1 iservu wkoll sabiex jamministraw kwota ta’ tariffa tal-Komunità, it-terminu tal-validità tal-liċenzji ma jistax jestendi lil hinn mid-data li fiha tiskadi l-kwota.

3. Meta l-prodott in kwistjoni ma jkunx jista’ jiġi importat ‘il barra mill-kwota jew meta l-liċenzji ta’ l-importazzjoni għall-prodott in kwistjoni jkunu maħruġa suġġetti għall-kondizzjonijiet speċjali, il-liċenzji ta’ l-importazzjoni m’għandhomx jipprovdu kwalunkwe tolleranza li jkollha x’taqsam mal-kwantitajiet b’eċċess.

Il-figura “0” (żero) għandha tintwera fis-Sezzjoni 19 tal-liċenzja.

4. Meta l-importazzjoni ta’ prodott li ma humiex suġġetti għal preżentazzjoni tal-liċenzja ta’ l-importazzjoni u meta l-liċenzja ta’ l-importazzjoni sservi sabiex tamministra l-arranġamenti preferenzjali li jkopru dak il-prodott, il-liċenzji ta’ l-importazzjoni m’għandhomx jipprovdu għall-ebda tolleranza għall-kwantitajiet b’eċċess.

Il-figura “0” (żero) għandha tintwera fis-Sezzjoni 19 tal-liċenzja.

▼B

5. L-uffiċċju doganali li jaċċetta d-dikjarazzjoni ta' rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa għandu jżomm kopja tal-liċenzja jew l-estratt ippreżentat li jagħti d-dritt għal arranġamenti preferenzjali. Fuq il-bażi ta' analiżi tar-riskju, għandhom jintbagħtu lill-korp tal-ħruġ indikati fuq il-liċenzji, kopji ta' mill-inqas 1 % tal-liċenzji ppreżentati, u mill-inqas żewġ liċenzji kull sena u għal kull uffiċċju doganali sabiex tiġi vverifikata l-awtentiċita' tagħhom. Dan il-paragrafu m'għandux japplika għal liċenzji elettroniċi jew liċenzji li għalihom ir-regoli tal-Komunità jistabbilixxi metodu ta' verifika ieħor.

▼M2

Artikolu 48a

In-notifiki lill-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 14(5), l-Artikolu 29(2), (3) u (4), l-Artikolu 37, l-Artikolu 40(6) u l-Artikolu 47(3) ta' dan ir-Regolament għandhom isiru skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 792/2009 ([1]).

▼B

KAPITOLU V

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 49

Ir-Regolament (KE) Nru 1291/2000 hu mħassar.

Referenzi għar-Regolament mħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness IV.

Artikolu 50

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

([1]) ĠU L 228, 1.9.2009, p. 3.

▼B

ANNESS I

LIĊENZJA TA' L-IMPORTAZZJONI LIĊENZJA TA' L-ESPORTAZZJONI JEW ĊERTIFIKAT BL-IFFISSAR BIL-QUDDIEM

KOMUNITÀ EWROPEA – LIĊENZJA TA' L-IMPORTAZZJONI A G R I M

KOPJA TAL-PUSSESSUR

1 **Aġenzija li toħroġ il-liċenzja** (isem u indirizz)

2 It-timbru mqabbeż u mtaqqab ta' l-aġenzija tal-ħruġ (1) Nru.

3

4 **Maħruġ lill-:** (isem, indirizz shiħ u l-Istat Membru)

5 **Aġenzija li toħroġ l-estratt** (isem u indirizz)

6 Id-drittijiet ittrasferiti lill-:

b'effett minn

Timbru la' l-awtorità kompetenti

7 Pajjiż li jesporta Obbligatorja IVA LE

8 Il-Pajjiż ta' l-oriġini Obbligatorja IVA LE

10 Data tad-depożitu ta' l-applikazzjoni oriġinali għal-licenzja

11 Ammont totali ta' sigurtà

12 L-AĦĦAR JUM TAL-VALIDITÀ

1 13 IL-PRODOTT LI GĦANDU JKUN IMPURTAT

14 Denominazzjoni tal-kummerċ

15 Deskrizzjoni bi qbil man-Nomeniklatura Magħquda (NM)

16 Kodiċi NM

17 Kwanlità (2) f´figuri

18 Kwanlità (2) fi kliem

19 Tolleranza % aktar

20 Partikolaritajiet speċjali

24 Kondizzjonijiet speċjali

25 Maħruġfil-:

nhar il- permeiz ta' Nru

Aġenzija tal-ħruġ: Firma u Timbru:

26 It-termini tal-validità huma mtawla sal-inklussivi

għal (2)

Fil , Nhar il-

(Firma u timbru ta' l-aġenzija tal ħruġ tal-liċenzja):

(1) Għandha tkun mimlija jekk it-timbru ma jkunux jidhru fil-kaxxa 25.
(2) Massa netta jew unità oħra ta' l-unità li tindika l-kejl.

▼B

27 **ATTRIBUZZJONIJIET** Indika l-kwantità disponibbli fil-parti 1 tal-kolonna 29 u l-kwantità attribwita fil-parti 2 taghha			
28 Kwantità netta (massa netta jew unità oħra tal-kejl li tiddikjara l-unità)		31 Dokument doganali (Formola u numru) jew in-numru ta' l-estratt u d-data ta' l-attribuzzjoni	32 Isem, Stat Membru, timbru u firma ta´ l-awtorità attributura
29 F'figuri	30 Fi kliem għall-kwantità attribwita		
1			
2			
1			
2			
1			
2			
1			
2			
1			
2			
1			
2			
1			
2			

33 Paġni ta' l-estenzjoni għandhom ikunu mehmuża hawnhekk.

▼B

KOMUNITÀ EWROPEA – LIĊENZJA TA' L-IMPORTAZZJONI AGRIM

KOPJA TA' L-AĠENZIJA TAL-ĦRUĠ

2

1 **Aġenzija li toħroġ il-liċenzja** (isem u indirizz)

2 It-timbru mqabbeż u mtaqqab ta' l-aġenzija tal-ħruġ (1) | Nru.

3

4 **Maħruġ lill-:** (isem, indirizz shiħ u l-Istat Membru) ☐

5 **Aġenzija li toħroġ l-estratt** (isem u indirizz)

6 Id-drittijiet ittrasferiti lill-:

-b'effett minn | | | |

Timbru la' l-awtorità kompetenti

7 Pajjiż li jesporta — Obbligatorja ☐ IVA ☐ LE

8 Il-Pajjiż ta' l-oriġini — Obbligatorja ☐ IVA ☐ LE

10 Data tad-depożitu ta' l-applikazzjoni oriġinali għal-licenzja | | |

11 Ammont totali ta' sigurtà

12 L-AĦĦAR JUM TAL-VALIDITÀ | | |

2

13 IL-PRODOTT LI GĦANDU JKUN IMPURTAT

14 Denominazzjoni tal-kummerċ

15 Deskrizzjoni bi qbil man-Nomeniklatura Magħquda (NM)

16 Kodiċi NM

17 Kwanlità (2) f'figuri

18 Kwanlità (2) fi kliem

19 Tolleranza % aktar

20 Partikolaritajiet speċjali

24 Kondizzjonijiet speċjali

25 Maħru fil-:

nhar il- | | | | permezz ta' Nru

Aġenzija tal-ħruġ: Firma u Timbru:

26 It-termini tal-validità huma rntawla | | | | sal-inklussivi għal (2)

Fil , Nhar il | | | |

(Firma u timbru ta' l-aġenzija tal ħruġ tal-liċenzja):

(1) Għandha tkun mimlija jekk li-timbru ma jkunux jidhru fil-kaxxa 25.
(2) Massa netta jew unità oħra ta' l-unità li tindika l-kejl.

▼B

KOMUNITA EWROPEA – UCENZJA TA' L-IMPORTAZZJONI AGRIM

APPLIKAZZJONI

1 **Aġenzija li toħroġ il-liċenzja** (isem u indirizz)		
4 **Applikant** (isem, indirizz sħiħ u l-Istat Membru) ☐		
	7 Il-pajjiż ta' l-esportazzjoni	Obbligatorja ☐ IVA ☐ LE
	8 Il-Pajjiż ta' l-oriġini	Obbligatorja ☐ IVA ☐ LE
	11 Ammont totali ta' sigurtà	
13 IL-PRODOTT LI GĦANDU JKUN IMPURTAT		
14 Denominazzjoni lal-kummerċ		
15 Deskrizzjoni bi qbil man-Nomeniklatura Magħquda (NM)	16 Kodiċi NM	
17 Kwaritità (1) f'figuri	18 Kwantità (1) fi kliem	
20 Partikolaritajiet speċjali		

(1) Massa netta jew unità oħra ta' kejl li tindika unità.

NOTI

Post u data: Il-firma ta' l-applikant:

▼B

KOMUNITÀ EWROPEA – UĊENZJATAL ESPORTAZZJONI U ĊERTIFIKAT GĦAL STABBILIZZAR BIL-QUDDIEM AGREX

KOPJA TA' L-UTENTI

1 **Aġenzija li toħroġ il-liċenzja jew iċ-ċertifikat** (isem u indirizz)

2 It-timbru mqabbeż u mtaqqab ta' l-aġenzija tal-ħruġ (1) | Nru. /

3

4 **Maħruġ** ((isern, indirizz sħiti u l-Istat Membru) ☐

5 **Aġenzija li toħroġ l-estratt** (isem u indirizz)

6 Id-drittijiet ittrasferiti lill-

-b'effett minn

Timbru ta' l-aġenzija kompetenti:

7 Pajjiż li jircievi — Obbligatorja ☐ IVA ☐ LE

8 Stabbilizzar bil-quddiem huwa mitlub ☐ IVA ☐ LE

9 Offerti mitluba ☐ IVA ☐ LE

10 Data tad-depożitu ta' l-applikazzjoni ariġinali ghal ċertifikat/lioenzja

11 Ammont totali ta' sigurtà

12 L-AĦĦAR JUM TAL-VALIDITÀ

1 13 IL-PRODOTT LI GĦANDU JKUN ESPORTAT

14 Denominazzjoni tal-kummerċ

15 Deskrizzjoni bi qbil man-Nomeniklatura Mgħaquda (NM)

16 Kodiċi NM

17 Kwantità (2) f'figuri

18 Kwantità (2) fi kliem

19 Tolleranza % aktar

20 Partikolaritajiet speċjali

21 IR-RIFUŻJONI HUMA VALIDI FIL- STABBILIZZAR BIL-QUDDIEM

22 Kondizzjonijiet speċjali

23 Maħruġ fil-:

nħar il- permezz ta' Nru

Firma u timbru ta' l-aġenzija tal-ħruġ tal-liċenzja jew taċ-ċertifikat:

24 It-termini tal-validità hurna mtawla sal-inklussivi ghal (2)

Fil- , nħar il-

Aġenzija tal-ħruġ: Firma u Timbru:

(1) Għandha tkun mimlija jekk it-timbru ma jkunux jidhru fil-kaxxa 25.
(2) Massa netta jew unità oħra ta' l-unità li tindika l-ħeji.

▼B

27 **ATTRIBUZZJONIJIET** Indika l-kwantità disponibbli fil-parti 1 tal-kolonna 29 u l-kwantità attribwita fil-parti 2 tagħha			
28 Kwantità netta (piż tal-massa jew unità oħra tal-kejl li tiddikjara l-unità)		31 Dokument doganali (Formola u riumru) jew in-numru ta' l estratt u d-data ta' l- attribuzzjoni	32 Isem, Stat Membru, timbru u firma ta' l-awtorità attributura
29 F'figuri	30 Fi kliem għall-kwantità attribwila		
1			
2			
1			
2			
1			
2			
1			
2			
1			
2			
1			
2			
1			
2			

33 Paġni ta' l-estenzjoni għandhom ikunu mhemuża hawnhekk.

▼B

KOMUNITÀ EWROPEA – UĊENZJATAL ESPORTAZZJONI U ĊERTIFIKAT GĦAL STABBILIZZAR BIL-QUDDIEM AGREX

KOPJA TA' L-AĠENZIJA TAL-ĦRUĠ

2

1 **Aġenzija li toħroġ il-liċenzja jew iċ-ċertifikat** (isem u indirizz)

2 It-timbru mqabbeż u mtaqqab ta' l-aġenzija tal-ħruġ (1) | Nru. /

3

4 **Maħruġ** (isem, indirizz sħiħ u l-Istat Membru)

☐

5 **Aġenzija li toħroġ l-estratt** (isem u indirizz)

6 6 Id-drittijiet ittrasferiti lill-:

-b'effett minn

Timbru ta' l-aġenzija kompetenti:

7 Pajjiż li jircievi — Obbligatorja ☐ IVA ☐ LE

8 Stabbilizzar bil-quddiem huwa mitlub ☐ IVA ☐ LE

9 Offerti mitluba ☐ IVA ☐ LE

10 Data tad-depożitu ta' l-applikazzjoni oriġinali għal ċertifikat/liċenzja

11 Ammont totali ta' sigurtà

2

12 L-AĦĦAR JUM TAL-VALIDITÀ

13 IL-PRODOTT LI GĦANDU JKUN ESPORTAT

14 Denominazzjoni tal-kummerċ

15 Deskrizzjoni bi qbil man-Nomeniklatura Mgħaquda (NM)

16 Kodiċi NM

17 Kwantità (2) f'figur

18 Kwantità (2) fi kliem

19 Tolleranza % aktar

20 Partikolaritajietspeċjal

21 IR-RIFUŻJONI HUMA VALIDI FIL- STABBILIZZAR BIL-QUDDIEM

22 Kondizzjonijiet speċjali

23 Maħruġ fil-;

nħar il- permezz tal- Nru.

Firma u timbru ta' l-aġenzija tal-ħruġ tal-liċenzja jew taċ-ċertifikat:

24 It-termini tal-validità huma mtawla sal-inklussivi għal (2)

Fil , nħar il-

Aġenzija tal-ħruġ: Firma u Timbru:

(1) Għandha tkun mimlija jekk it-timbru ma jkunux jidhru fil-kaxxa 25.
(2) Massa netta jew unità oħra ta' l-unità li tindika l-kejl.

▼B

KOMUMTÀ EWROPEA – UĊENZJA TA' L-ESPORTAZZJONI U ĊERTIFIKAT GĦAL STABBILIZZAR BIL-QUDDIEM AGREX

APPLIKAZZJONI

1 **Aġenzija tal-ħruġ** (isem u indirizz)		
4 **Applikant** (isem, indirizz sħih u l-Istat Membru) ☐		
	7 Pajjiż li jirċievi	Obbligatorja ☐ IVA ☐ LE
	8 Stabilizzar bil-quddiem huwa mitlub ☐ IVA ☐ LE	9 Offerti mitluba ☐ IVA ☐ LE
	11 Ammont totali ta' sigurtà	
13 IL-PRODOTT LI GĦANDU JKUN ESPORTAT		
14 Denominazzjoni tal-kummerċ		
15 Deskrizzjoni bi qbil man-Nomeniklatura Magħquda (NM)	16 Kodiċi NM	
17 Kwantità ([1]) f'figuri	18 Kwantità ([1]) fi kliem	
20 Partikolaritajiet speċjal		

([1]) Massa netta jew unità oħra ta' l-unità li tindika l-kejl.

NOTI

Post u data: Il-firma ta' l-applikant;

▼M5

ANNESS II

PARTI I

OBBLIGAZZJONI TA' LIĊENZJA — GĦALL-IMPORTAZZJONIJIET

Lista tal-prodotti msemmijin fl-Artikolu 1(2)(a)(i) u l-limiti applikabbli skont l-Artikolu 4(1)(d)

A. **Ċereali** (il-Parti I tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007)

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni	Ammont tal-garanzija	Perjodu ta' validità	Kwantitjiet netti [1]
1001 19 00	Qamħ durum, minbarra żerriegħa, inkluż il-prodotti importati taħt il-kwoti tariffarji, kif imsemmi fl-Artikolu 1(2)(a)(iii)	EUR 1/t	sa tmiem it-tieni xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(2)	5 000 kg
ex 1001 99 00	Spelt, qamħ komuni u taħlitiet ta' ċereali minbarra żerriegħa, inkluż il-prodotti importati taħt il-kwoti tariffarji, kif imsemmi fl-Artikolu 1(2)(a)(iii)	EUR 1/t	sa tmiem it-tieni xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(2)	5 000 kg
1003 90 00	Xgħir, minbarra żerriegħa	EUR 1/t	sa tmiem it-tieni xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(2)	5 000 kg
1005 90 00	Qamħirrum minbarra żerriegħa	EUR 1/t	sa tmiem it-tieni xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(2)	5 000 kg
1007 90 00	Sorgu tal-qamħ, minbarra żerriegħa	EUR 1/t	sa tmiem it-tieni xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(2)	5 000 kg
1101 00 15	Dqiq tal-qamħ komuni u spelt	EUR 1/t	sa tmiem it-tieni xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(2)	1 000 kg
2303 10	Fdal tal-manifattura tal-lamtu u residwi simili	EUR 1/t	sa tmiem it-tieni xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(2)	1 000 kg

▼M5

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni	Ammont tal-garanzija	Perjodu ta' validità	Kwantitajiet netti (1)
2303 30 00	Fermentazzjoni jew distillar ta' fond u skart	EUR 1/t	sa tmiem it-tieni xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(2)	1 000 kg
ex 2308 00 40	Fdalijiet tal-polpa taċ-ċitru	EUR 1/t	sa tmiem it-tieni xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(2)	1 000 kg
2309 90 20	Prodotti msemmija fin-nota addizzjonali 5 għall-Kapitolu 23 tan-Nomenklatura Magħquda	EUR 1/t	sa tmiem it-tieni xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(2)	1 000 kg

(1) Kwantitajiet massimi li ma jeħtiġux il-preżentazzjoni ta' liċenzja jew ċertifikat, skont l-Artikolu 4(1)(d). Mhux applikabbli għall-importazzjonijiet b'kundizzjonijiet preferenzjali jew taħt kwota tariffarja.
(—) Għal kwalunkwe kwantità hemm il-ħtieġa ta' liċenzja jew ċertifikat.

B. **Ross** (il-Parti II tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007)

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni	Ammont tal-garanzija	Perjodu ta' validità	Kwantitajiet netti (1)
1006 20	Ross (ismar) bla ħliefa, inkluż il-prodotti importati taħt il-kwoti tariffarji, kif imsemmi fl-Artikolu 1(2)(a)(iii)	EUR 30/t	sa tmiem it-tieni xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(2)	1 000 kg
1006 30	Ross miħun jew nofsu miħun, kemm jekk illustrat jew igglejżjat jew le, inkluż il-prodotti importati taħt il-kwoti tariffarji, kif imsemmi fl-Artikolu 1(2)(a)(iii)	EUR 30/t	sa tmiem it-tieni xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(2)	1 000 kg
1006 40 00	Ross imfarrak, inkluż il-prodotti importati taħt il-kwoti tariffarji, kif imsemmi fl-Artikolu 1(2)(a)(iii)	EUR 1/t	sa tmiem it-tieni xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(2)	1 000 kg

(1) Kwantitajiet massimi li ma jeħtiġux il-preżentazzjoni ta' liċenzja jew ċertifikat, skont l-Artikolu 4(1)(d). Mhux applikabbli għall-importazzjonijiet b'kundizzjonijiet preferenzjali jew taħt kwota tariffarja.
(—) Għal kwalunkwe kwantità hemm il-ħtieġa ta' liċenzja jew ċertifikat.

C. **Zokkor** (il-Parti III tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007)

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni	Ammont tal-garanzija	Perjodu ta' validità	Kwantitajiet netti (1)
1701	Il-prodotti kollha importati b'kundizzjonijiet preferenzjali minbarra kwoti tariffarji	EUR 20/t	sa tmiem it-tielet xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(2)	(—)

(1) Kwantitajiet massimi li ma jeħtiġux il-preżentazzjoni ta' liċenzja jew ċertifikat, skont l-Artikolu 4(1)(d). Mhux applikabbli għall-importazzjonijiet b'kundizzjonijiet preferenzjali jew taħt kwota tariffarja.
(—) Għal kwalunkwe kwantità hemm il-ħtieġa ta' liċenzja jew ċertifikat.

▼M5

D. **Żerriegħa** (il-Parti V tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007)

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni	Ammont tal-garanzija	Perjodu ta' validità	Kwantitjiet netti (1)
ex 1207 99 20	Żerriegħa ta' varjetajiet tal-qanneb, għaż-żriegħ	(2)	sa tmiem is-sitt xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(2), sakemm ma jkunx hemm dispożizzjoni mod ieħor mill-Istati Membri	(—)

(1) Kwantitajiet massimi li ma jeħtiġux il-preżentazzjoni ta' liċenzja jew ċertifikat, skont l-Artikolu 4(1)(d). Mhux applikabbli għall-importazzjonijiet b'kundizzjonijiet preferenzjali jew taħt kwota tariffarja.
(2) M'hemm bżonn l-ebda garanzija. Ara l-kundizzjonijiet l-oħrajn fl-Artikolu 17(1) tar-Regolament (KE) Nru 507/2008.
(—) Għal kwalunkwe kwantità hija meħtieġa liċenzja jew ċertifikat.

E. **Żejt taż-żebbuġa u żebbuġ** (il-Parti VII tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007)

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni	Ammont tal-garanzija	Perjodu ta' validità	Kwantitjiet netti (1)
ex 0709 92 90	Żebbuġ, frisk, għall-produzzjoni taż-żejt	EUR 100/t	60 jum mid-data attwali tal-ħruġ tal-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(2)	100 kg
0711 20 90	Żebbuġ ippreżervat provviżorjament (pereżempju, bil-gass diossidu tal-kubrit, fis-salmura, f'ilma tal-kubrit jew f'taħlitiet oħrajn biex jippreservaw), iżda mhux tajjeb f'dak l-istat għal konsum immedjat, għall-produzzjoni taż-żejt, inkluż il-prodotti importati taħt il-kwoti tariffarja, kif imsemmi fl-Artikolu 1(2)(a)(iii)	EUR 100/t	60 jum mid-data attwali tal-ħruġ tal-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(2)	100 kg
2306 90 19	Għalf tal-bhejjem (oilcake) u fdal oħrajn li jirriżultaw mill-estrazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa, li fihom aktar minn 3 % tal-piż żejt taż-żebbuġa	EUR 100/t	60 jum mid-data attwali tal-ħruġ tal-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(2)	100 kg

(1) Kwantitajiet massimi li ma jeħtiġux il-preżentazzjoni ta' liċenzja jew ċertifikat, skont l-Artikolu 4(1)(d). Mhux applikabbli għall-importazzjonijiet b'kundizzjonijiet preferenzjali jew taħt kwota tariffarja.
(—) Għal kwalunkwe kwantità hemm il-ħtieġa ta' liċenzja jew ċertifikat.

F. **Kittien u qanneb** (il-Parti VIII tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007)

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni	Ammont tal-garanzija	Perjodu ta' validità	Kwantitjiet netti (1)
5302 10 00	Qanneb veru, mhux maħdum jew imrattab	(2)	sa tmiem is-sitt xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(2), sakemm ma jkunx hemm dispożizzjoni mod ieħor mill-Istati Membri	(—)

(1) Kwantitajiet massimi li ma jeħtiġux il-preżentazzjoni ta' liċenzja jew ċertifikat, skont l-Artikolu 4(1)(d). Mhux applikabbli għall-importazzjonijiet b'kundizzjonijiet preferenzjali jew taħt kwota tariffarja.
(2) M'hemm bżonn l-ebda garanzija. Ara l-kundizzjonijiet l-oħrajn fl-Artikolu 17(1) tar-Regolament (KE) Nru 507/2008.
(—) Għal kwalunkwe kwantità hemm il-ħtieġa ta' liċenzja jew ċertifikat.

▼M5

G. **Frott u ħxejjex** (il-Parti IX tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007)

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni	Ammont tal-garanzija	Perjodu ta' validità	Kwantitjiet netti (1)
0703 20 00	Tewm, frisk jew imkessaħ, inkluż il-prodotti importati taħt il-kwoti tariffarji kif imsemmi fl-Artikolu 1(2)(a)(iii)	EUR 50/t	3 xhur mid-data tal-ħruġ tal-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1)	(—)
ex 0703 90 00	Veġetali ieħor tal-ġens tat-tewm, frisk jew imkessaħ, inkluż il-prodotti importati taħt il-kwoti tariffarji, kif imsemmi fl-Artikolu 1(2)(a)(iii)	EUR 50/t	3 xhur mid-data tal-ħruġ tal-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1)	(—)

(1) Kwantitajiet massimi li ma jeħtiġux il-preżentazzjoni ta' liċenzja jew ċertifikat, skont l-Artikolu 4(1)(d). Mhux applikabbli għall-importazzjonijiet b'kundizzjonijiet preferenzjali jew taħt kwota tariffarja.
(—) Għal kwalunkwe kwantità hemm il-ħtieġa ta' liċenzja jew ċertifikat.

H. **Prodotti tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati** (il-Parti X tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007)

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni	Ammont tal-garanzija	Perjodu ta' validità	Kwantitjiet netti (1)
ex 0710 80 95	Tewm (2) u *Allium ampeloprasum* (mhux imsajjar jew imsajjar bil-fwar jew fil-miszun jagħli), iffriżat, inkluż il-prodotti importati taħt il-kwoti tariffarji, kif imsemmi fl-Artikolu 1(2)(a)(iii)	EUR 50/t	3 xhur mid-data tal-ħruġ tal-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1)	(—)
ex 0710 90 00	Taħlitiet ta' veġetali li jkun fihom it-tewm (2) u/jew l-*Allium ampeloprasum* (mhux imsajjar jew imsajjar bil-fwar jew fil-miszun jagħli), iffriżati, inkluż il-prodotti importati taħt il-kwoti tariffarji, kif imsemmi fl-Artikolu 1(2)(a)(iii)	EUR 50/t	3 xhur mid-data tal-ħruġ tal-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1)	(—)
ex 0711 90 80	Tewm (2) u *Allium ampeloprasum* ippreżervati provvižorjament (pereżempju, bil-gass diossidu tal-kubrit, fis-salmura, f'ilma tal-kubrit jew f'taħlitiet oħrajn biex jippreservaw), iżda mhux tajbin għall-konsum immedjat f'dak l-istat, inkluż il-prodotti importati taħt il-kwoti tariffarji, kif imsemmi fl-Artikolu 1(2)(a)(iii)	EUR 50/t	3 xhur mid-data tal-ħruġ tal-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1)	(—)

▼M5

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni	Ammont tal-garanzija	Perjodu ta' validità	Kwantitjiet netti (1)
ex 0711 90 90	Taħlitiet ta' veġetali li jkun fihom it-tewm (2) u/jew l-*Allium ampeloprasum*, ippreżervati provviżorjament (pereżempju, bil-gass diossidu tal-kubrit, fis-salmura, f'ilma tal-kubrit jew f'taħlitiet oħrajn biex jippreservaw), iżda mhux tajbin għall-konsum immedjat f'dak l-istat, inkluż il-prodotti importati taħt il-kwoti tariffarja, kif imsemmi fl-Artikolu 1(2)(a)(iii)	EUR 50/t	3 xhur mid-data tal-ħruġ tal-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1)	(—)
ex 0712 90 90	Tewm imnixxef (2) u *Allium ampeloprasum* u taħlitiet ta' veġetali imnixxfa li jkun fihom it-tewm (2) u/jew l-*Allium ampeloprasum*, sħiħ, imqatta', imqatta' flieli, imkisser jew mitħun, iżda mhux ippreparat aktar minn hekk, inkluż il-prodotti importati taħt il-kwoti tariffarji, kif imsemmi fl-Artikolu 1(2)(a)(iii)	EUR 50/t	3 xhur mid-data tal-ħruġ tal-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1)	(—)

(1) Kwantitajiet massimi li ma jeħtiġux il-preżentazzjoni ta' liċenzja jew ċertifikat, skont l-Artikolu 4(1)(d). Mhux applikabbli għall-importazzjonijiet b'kundizzjonijiet preferenzjali jew taħt kwota tariffarja.

(2) Dan għandu jinkludi wkoll prodotti li fihom il-kelma "tewm" hija biss parti mid-deskrizzjoni. Termini bħal dawn jistgħu jinkludu, iżda mhumiex limitati għal "tewm 'solo'", "tewm 'elephant'", "tewm 'single clove'" jew "tewm 'great-headed'".

(—) Għal kwalunkwe kwantità hemm il-ħtieġa ta' liċenzja jew ċertifikat.

I. **Ċanga u vitella** (il-Parti XV tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007)

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni	Ammont tal-garanzija	Perjodu ta' validità	Kwantitjiet netti (1)
ex 0102 29 10 sa ex 0102 29 99 0102 39 10 0102 90 91	Il-prodotti kollha ta' speċijiet domestiċi importati b'kundizzjonijiet preferenzjali li mhumiex kwoti tariffarji	EUR 5 ir-ras	sa tmiem it-tielet xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1)	(—)
0201 u 0202	Il-prodotti kollha importati b'kundizzjonijiet preferenzjali li mhumiex kwoti tariffarji	EUR 12 ir-ras 100 kg piż nett	sa tmiem it-tielet xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1)	(—)
0206 10 95 u 0206 29 91	Il-prodotti kollha importati b'kundizzjonijiet preferenzjali li mhumiex kwoti tariffarji	EUR 12 ir-ras 100 kg piż nett	sa tmiem it-tielet xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1)	(—)

▼M5

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni	Ammont tal-garanzija	Perjodu ta' validità	Kwantitjiet netti (1)
1602 50 10, 1602 50 31 u 1602 50 95	Il-prodotti kollha importati b'kundizzjonijiet preferenzjali li mhumiex kwoti tariffarji	EUR 12 ir-ras 100 kg piż nett	sa tmiem it-tielet xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1)	(—)
1602 90 61 u 1602 90 69	Il-prodotti kollha importati b'kundizzjonijiet preferenzjali li mhumiex kwoti tariffarji	EUR 12 ir-ras 100 kg piż nett	sa tmiem it-tielet xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1)	(—)

(1) Kwantitajiet massimi li ma jeħtiġux il-preżentazzjoni ta' liċenzja jew ċertifikat, skont l-Artikolu 4(1)(d). Mhux applikabbli għall-importazzjonijiet b'kundizzjonijiet preferenzjali jew taħt kwota tariffarja.

(—) Għal kwalunkwe kwantità hemm il-ħtieġa ta' liċenzja jew ċertifikat.

J. **Halib u prodotti tal-ħalib** (il-Parti XVI tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007)

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni	Ammont tal-garanzija	Perjodu ta' validità	Kwantitjiet netti (1)
ex Kapitoli 4, 17, 21 u 23	Il-ħalib u l-prodotti tal-ħalib kollha, importati b'kundizzjonijiet preferenzjali li mhumiex kwoti tariffarji u bl-eċċezzjoni tal-Ġobon u tal-baqta (kodiċi tan-NM numru 0406) li joriġinaw mill-Isvizzera, importati mingħajr liċenzja, kif ġej:			
0401	Ħalib u krema, li la huma kkonċentrati u lanqas fihom zokkor miżjud jew materja oħra li żżid il-ħlewwa	EUR 10/100 kg	sa tmiem it-tielet xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1)	(—)
0402	Ħalib u krema, konċentrati jew li fihom zokkor miżjud jew materja oħra li żżid il-ħlewwa	EUR 10/100 kg	sa tmiem it-tielet xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1)	(—)
0403 10 11 sa 0403 10 39 0403 90 11 sa 0403 90 69	Xorrox tal-butir, baqta u krema, jogurt, kefir u ħalib u krema oħrajn fermentati jew li saru aċiduži, kemm jekk konċentrati kif ukoll le jew fih zokkor miżjud jew materjal ieħor li jagħmel ħelu jew imħawrin jew miżjudin bil-frott, bil-ġewż jew bil-kawkaw	EUR 10/100 kg	sa tmiem it-tielet xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1)	(—)
0404	Xorrox, kemm jekk ikkonċentrat kif ukoll jekk le jew biz-zokkor materjal ieħor li jagħmel ħelu; prodotti magħmulin minn konstitwenti naturali tal-ħalib, kemm jekk biz-zokkor miżjud jew materjal ieħor li jagħmel ħelu jew le, li mhumiex imsemmijin jew inklużi band'oħra	EUR 10/100 kg	sa tmiem it-tielet xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1)	(—)

▼M5

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni	Ammont tal-garanzija	Perjodu ta' validità	Kwantitjiet netti (1)
0405 10 0405 20 90 0405 90	Butir u xaħmijiet u żjut oħra magħmulin mill-ħalib; dlik (pejst) ta' prodotti tal-ħalib b'kontenut ta' xaħam ta' aktar minn 75 % iżda anqas minn 80 %	EUR 10/100 kg	sa tmiem it-tielet xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1)	(—)
0406	Ġobon u baqta, bl-eċċezzjoni tal-Ġobon u tal-baqta li joriġinaw mill-Isvizzera, importati mingħajr liċenzja	EUR 10/100 kg	sa tmiem it-tielet xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1)	(—)
1702 11 00 1702 19 00	Laktows u ġulepp tal-laktows	EUR 10/100 kg	sa tmiem it-tielet xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1)	(—)
2106 90 51	Ġulepp tal-laktows imħawwar jew kulurit	EUR 10/100 kg	sa tmiem it-tielet xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1)	(—)
2309 10 15 2309 10 19 2309 10 39 2309 10 59 2309 10 70 2309 90 35 2309 90 39 2309 90 49 2309 90 59 2309 90 70	Preparazzjonijiet ta' tip li jintużaw f'għalf tal-annimali: Preparazzjonijiet u għalf li fihom prodotti li għalihom japplika r-Regolament (KE) Nru 1234/2007, b'mod dirett jew permezz tar-Regolament (KE) Nru 1667/2006, minbarra l-preparazzjonijiet u l-għalf li jaqgħu taħt il-Parti I tal-Anness I għal dak ir-Regolament	EUR 10/100 kg	sa tmiem it-tielet xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1)	(—)

(1) Kwantitajiet massimi li ma jeħtiġux il-preżentazzjoni ta' liċenzja jew ċertifikat, skont l-Artikolu 4(1)(d). Mhux applikabbli għall-importazzjonijiet b'kundizzjonijiet preferenzjali jew taħt kwota tariffarja.
(—) Għal kwalunkwe kwantità hemm il-ħtieġa ta' liċenzja jew ċertifikat.

K. **Prodotti oħrajn** (il-Parti XXI tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007)

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni	Ammont tal-garanzija	Perjodu ta' validità	Kwantitjiet netti (1)
1207 99 91	Qannebusa, minbarra għaż-żriegħ	(2)	sa tmiem is-sitt xahar ta' wara xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(2), sakemm ma jkunx hemm dispożizzjoni mod ieħor mill-Istati Membri	(—)

(1) Kwantitajiet massimi li ma jeħtiġux il-preżentazzjoni ta' liċenzja jew ċertifikat, skont l-Artikolu 4(1)(d). Mhux applikabbli għall-importazzjonijiet b'kundizzjonijiet preferenzjali jew taħt kwota tariffarja.
(2) M'hemm bżonn l-ebda garanzija. Ara l-kundizzjonijiet l-oħrajn fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 17(1) tar-Regolament (KE) Nru 507/2008.
(—) Għal kwalunkwe kwantità hemm il-ħtieġa ta' liċenzja jew ċertifikat.

▼M5

L. **Alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola** (il-Parti I tal-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007)

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni	Ammont tal-garanzija	Perjodu ta' validità	Kwantitjiet netti (1)
ex 2207 10 00	Alkoħol etiliku mhux żnaturat b'saħħa alkoħolika bil-volum ta' 80 % vol jew aktar, miksub mill-prodotti agrikoli elenkati fl-Anness I għat-Trattat	EUR 1 għal kull ettolitru	sa tmiem ir-raba' xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1)	100 hl
ex 2207 20 00	Alkoħol etiliku u spirti oħrajn, żnaturati, ta' kwalunkwe saħħa, miksuba mill-prodotti agrikoli elenkati fl-Anness I għat-Trattat	EUR 1 għal kull ettolitru	sa tmiem ir-raba' xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1)	100 hl
ex 2208 90 91	Alkoħol etiliku mhux żnaturat b'saħħa alkoħolika bil-volum ta' inqas minn 80 % vol., miksub mill-prodotti agrikoli elenkati fl-Anness I għat-Trattat	EUR 1 għal kull ettolitru	sa tmiem ir-raba' xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1)	100 hl
ex 2208 90 99	Alkoħol etiliku mhux żnaturat b'saħħa alkoħolika bil-volum ta' inqas minn 80 % vol., miksub mill-prodotti agrikoli elenkati fl-Anness I għat-Trattat	EUR 1 għal kull ettolitru	sa tmiem ir-raba' xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1)	100 hl

